IT-TIELET KTIEB — SETTEMBRU
TAT-TIENI SENA — 1926

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Is-Sengħa tal-Kitba (DUN KARM) — Il-Malti (ĠANNI VELLA) — Frâk (DUN KARM)— Il-kelma"ta"fl-Ilsien Malti (P.Serafin M.ZARB O. P.)— Il-Lsien Malti (A. CREMONA)—Lill-Farfett (R. BRIFFA) — Mita tħobb.... (ĠUŻÊ BONNICI) — Mannarinu (G. M. A.)—Id-dnub ma jorqodx; Il-Ħmar tas-sienja (D. G. S.) — Ħsieb (R.M.B.) — Id-Dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi (ĠUŻÊ GATT) Nofs-il-lejl sajfi (DUN KARM)—Tiswija ta' Ktiba (G. V.) — Il-Kelma "Għamuda" (SAJDUN u A. C.) — *Biblijografija* (SAJDUN—A. CREMONA).

DIRETTUR G. MUSCAT-AZZOPARDI
89, Sda. St. Lucia, Valletta.

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wiehed -/6

---

Kull xorta ta' kitba, hlas, jew hwejjeġ ohra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale—Valletta.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIELET KTIEB TA' L-1926

## IS-SENGĦA TAL-KITBA

*(Joħbot mal-faċċ. 5 ta' l-1926)*

BIEX WIEĦED JIKTEB TAJJEB

Minn dan li għedna s'issa, jidher safi safi illi sewwa fil-proża kemm fil-poëżija hemm xi ħaġa ġewwinija, ngħidu aħna l-*qalba*, u xi ħaġa barranija, ngħidu aħna l-*qoxra*, jew il-*libsa*.

Il-ħaġa ġewwinija hu *l-ħsieb*, jew dak li min jikteb irid igħid jew ifisser; il-ħaġa barranija hu *l-kliem* li l-kittieb iħaddem biex ifisser ħsiebu.

Issa biex wieħed jista' jikteb tajjeb, jiġifieri jfisser ruħu u qalbu kif jixraq u kif imiss, sewwa bil-proża u sewwa bil-poëżija, jiħtiġulu xi ħwejjeġ illi l-kotra tal-kittieba bil-malti—ngħidu b'għafsa ta' qalb—ma ħadu ħsieb jitgħallmuhom qatt, jew ma tgħallmuhomx kif jistħoqq.

Minn dawn il-ħwejjeġ xi wħud imissu l-*qalba* tal-kitba; dawn huma 1) it-thejjija tal-*moħħ*, 2) it-thejjija tal-*qalb*, 3) it-thejjija tal-*fantasija:* oħrajn imissu l-*qoxra*, dawn huma 1) it-tagħrif tajjeb tal-lsien, 2) it-tagħrif tal-kitba mħollija minn l-aħjar awturi li kitbu bi lsienna fl-imgħoddi.

THEJJIJA TAL-MOĦĦ

Ħadd ma jitwieled għaref: kull ma jinħażen fil-moħħ tal-bniedem, jew jidħol minn barra, igħaddi mit-

triq *tas-sensi*, jew jinħadem hemm ġewwa bil-*fantasija* u bil-*ħsieb*. Għalhekk it-thejjija tal-moħħ għal min irid jikteb għandha ssir 1) *bl-osservazzjoni*, jiġifieri bil-*fili* ta' kull ma jinsab jew isir jew jiġri ma' dwarna; 2) bir-*riflessjoni*, jew raġġħa fuq dak li nkunu rajna, smajna u ħassejna, 3) bil-*qari* jiġifieri bil-fili tal-kotba ta' l-aħjar kittieba, sew qodma u sew tal-lum.

L-OSSERVAZZJONI

Ftit huma dawk illi jħobbu jiflu bir-reqqa dak li jisimgħu u jħossu. Idħol f'dar, fi ġnien jew band'oħra fejn ikun hemm wirja ngħidu aħna ta' xgħolijiet ta' l-Arti u tas-Snajja, inkella ta' ward, jew ta' għati ta' l-egħlieqi u tal-ġonna. Int tara mijiet ta' nies tħares, tittawwal, tittaffa għal fuq kull ħaġa li tkun imqiegħda għall-għajn ta' min iżur il-Wirja. Meta toħroġ minn hemm staqsi lil dawk li kienu miegħek iżuru l-Wirja *x'osservaw*, u inti tara li sebgħa minn kull għaxra jwieġbu: "kien hemm ħafna ħwejjeġ sbieħ", iżda ma jagħarfux igħidulek *dawk il-ħwejjeġ sbieħ kemm, liema, fejn* u *kif kienu*. Ikunu *ħarsu* u *raw*, iżda ma jkunux *osservaw*.

Il-fili ta' kull ma jinsab u ta' kull ma jsir ma' dwarna jiftaħ il-moħħ u jsebbaħ u jdawwal il-ħsebijiet tagħna: it-tibdil f'lewn is-sema ma' tulek ja nhar; it-tiżwiq u t-tlellix tal-ward; il-ħarsa, il-għajta, il-mixi, il-ġiri tal-bhejjem; il-għana, it-tajran, il-ħeffa ta' l-agħsafar; il-leħen, il-kelma, id-daħka, il-qagħda, il-mixja, id-drawwiet tal-bniedem, huma bħala għajn dejjemija ta' ħsebijiet ġodda, ta' xebh, ta' tqabbil, illi jgħallimna nagħarfu f'daqqa ta' għajn il-ħwejjeġ, waħda minn l-oħra, natuhom l-isem li jisthoqqilhom, u nqassmuhom fi ġlejjeb ta' sura waħda, u hekk inhejju t-triq biex nistgħu bil-ħeffa nifhmu l-għerf li nġabar u nkiteb minn nies li *osservaw* il-ħolqien u l-liġijiet tiegħu qabilna.

L-istorja tgħallimna illi ħafna invenzjonijiet tal-għaġeb saru mill-*fili* ta' ħwejjeġ żgħar, iżda minn nies li kienet tħobb u tagħraf tifli. Ix-xejra tal-pendlu li tkejjel il-ħin fl-arloġġi, it-telegraff li, ħafif daqs berqa, iwassal il-kelma minn tarf għal l-ieħor tad-dinja, it-tromba illi tgħarrex u tqarreb is-sema, in-kixfu, nistgħu ngħidu, minn ħwejjeġ taċ-ċajt.

Iżda ma hux biż-żejjed li wieħed *josserva* d-dinja ta' ma' dwaru; jinħtieġlu wkoll jifli bir-reqqa ħwejjeġ oħra aktar ta' ġewwa, aktar moħbija li m'hux dejjem jiġu taħt is-sensi tagħna. Kieku wieħed jidħol daħla fih in-nifsu u jifli sewwa dak li jħoss mal-mixja tal-ħajja,—fi tfulitu, f'żugħżitu, fi rġulitu—oh x'dinja oħra moħbija u tal-għaġeb tidher quddiem il-għajnejn tal-moħħ tiegħu! X'nisġa mżewqa ta' hena, ta' niket, ta' tama', ta' biża, ta' ferħ, ta' dwejjaq u swied-il-qalb, ta' daħk, ta' biki, ta' mħabba, ta' mibegħda, ta' ħeġġa, ta' ħila, ta' telqa, ta' filġa, ta' għira, ta' frugħą, ta' qilla, ta' sogħba! Kemm fiha x'wieħed jifhem! Kemm fiha x'wieħed jitgħallem! u jarġa' kemm hu ta' fejda dan it-tagħlim biex wieħed jista' jifhem lil ħaddieħor fil-passjonijiet tiegħu, fl-imġiba tiegħu, u fi kliemu, sewwa jekk il-ħajja tidħaklu sewwa jekk issawtu!

Biex niġu għalina: Kif jista' wieħed jikteb tajjeb, ngħidu aħna, fuq il "Hena ta' l-ewwel Tqarbina" jekk dan ma jkun *osserva* qatt b'liema ħrara, b'liema tjieba, b'liema sabar u b'liema dehen id-diretturi ta' istitut katekistiku ikunu hejjew lil dawk it-tfal għal l-ewwel bewsa tal-għarus tar-ruħ tagħhom; b'liema xejra, b'liema ġibda, li żżiġġ u tikber kull ma tersaq dik is-siegħa mwegħda, dawk it-tfal ikunu xtaqu l-ewwel tqarbina, u liema tbissima ta' l-anġli, liema dawl ta' għajnejn ifisser il-qalb mixgħula tagħhom fil-ħin illi l-qassis jew l-isqof iqegħdilhom fuq ilsienhom il-Hobż imqaddes?

*(Jissokta)* **Dun Karm.**

# IL-MALTI

L-ewlenin ilsna semîn huma ħamsa:—assîr, lhudi, aramajk, għarbi, u abissin.

Minn dawn il-ħamsa naħseb li l-malti għandu x'jaqsam mal-għarbi. Naraw għaliex. Fil-malti nsibu :

I. Il-plurali miksurin: *qalb*, *qlûb*.

II. L-*m preformativa* tal-partiċipji passati tal-verbi ta' l-ewwel għamla: *qatel*, *maqtûl*.

III. Il-għamla miksura ta' l-aġġettivi mxebbha: *qasîr*, *iqsar*.

Dawn it-tlitt irjus tal-morfoloġija jinsabu biss fil-għarbi, u f'ebda lsien ieħor semi. Għalhekk għidna illi l-malti għandu x'jaqsam mal-għarbi.

Biex inkunu għidna kollox, il-plurali miksurin jinsabu fl-abissîn ukoll; iżda ż-żewġt irjus l-oħra ma jinsabux. (1)

U l-feniċju? L-aqwa filoloġi u glottoloġi jgħidu illi l-feniċju jixbah lil-lhudi u għandu x'jaqsam mal-lhudi, u mhux mal-għarbi. Għalhekk għandna nifhmu illi l-feniċju ma kellux dawn it-tlitt irjus li semmejna.

Issa l-ilsien għarbi huwa ta' żewġ suriet:—

(a) Il-għarbi klassiku (*Arabo Classico*).

(b) Il-għarbi mitkellem (*Arabo Parlato*).

Minn dawn it-tnejn, naħseb li l-malti għandu x'jaqsam mal-għarbi mitkellem; jew aħjar, il-malti, minn għalija, huwa *djalett għarbi*. Naraw għaliex.

## IL-GħARBI KLASSIKU U D-DJALETTI GħARBIN

Dawk it-tlitt irjus tal-morfoloġija li semmejna jinsabu fid-djaletti għarbin kollha; bħalma huma ta' Malta, tas-Sirja, ta' l-Eġittu, ta' Tripli, ta' l-Alġier, tal-Marokk, etc.

1. Il-għarbi klassiku għandu tliet każi: *Nominattiv*, *akkużattiv* u *ġenittiv:*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Nominattiv* | dârun | (dar) | ad-dâru | (id-dar) |
| *Akkużattiv* | dâran | (dar) | ad-dâra | (id-dar) |
| *Ġenittiv* | dârin | (ta' dar) | ad-dâri | (tad-dar) |

Il-malti u d-djaletti għarbin kollha ma għandhomx truf (desinenzi) biex bihom jagħżlu l-każi.

(1) De Lacy O'Leary, D.D. *Comparative Grammar of the Semitic Languages*, pp, 193-206-249.

Fid-djaletti jinsab dak li jgħidulu "*stato costrutto*":

| *Għarbi klassiku* | *Malti* | *Alġerin* |
|---|---|---|
| bâbu d-dâri | bieb id-dâr | bâb ed-dâr |

*Għarbi klassiku:* miftâħu bâbi d-dâri
*Malti:* muftieħ bieb id-dâr
*Algerin:* meftâħ bâb ed-dâr.

Il-Għarab ta' Barbarija minnflok *bâb ed-dâr*, ġie li jgħidu *el-bâb mtâgħ ed-dâr*, u aħna l-Maltin ngħidu *il-bieb tâgħ id-dâr*.

2. Fil-għarbi klassiku, il-plurali sħaħ maskili għandhom żewġt itruf:

*ûna* għall-*caso retto*—*îna* għall-*caso obliquo*

Il-malti u d-djaletti għarbin kollha għall-plurali sħaħ maskili għandhom biss it-truf tal-*caso obliquo* (2):

| *Caso Retto* | *Caso Obliquo* | *Malti* |
|---|---|---|
| mugħallimûna | mugħallimîna | mgħallmîn |
| râqidûna | râqidîna | reqdîn |
| maqtûlûna | maqtûlîna | maqtulîn |
| sittûna | sittîna | sittîn |

Id-djaletti għarbin ta' Malta, ta' Tripli u ta' l-Alġier ġie illi jagħmlu l-plurali sħâħ maskili billi jżidu *a* mas-singular (3) bħal:

| | | | |
|---|---|---|---|
| ħaddiem | *ħaddiema* | minnflok | *ħaddemîn* |
| ħaddied | *ħaddieda* | ,, | *ħaddedîn* |

3. Fil-għarbi klassiku id-*duale* għandu żewġt itruf:

*âni* għall *caso retto*—*ajni* għall-*caso obliquo.*

Il-malti u d-djaletti għarbin kollha għad-*duale* għandhom biss it-tarf tal-*caso obliquo*: (4)

| *Caso Retto* | *Caso Obliquo* | *Malti* |
|---|---|---|
| għajnâni | għajnajni | għajnejn |
| sâgħatâni | sâgħatajni | sagħtejn |

4. Fil-għarbi klassiku, in-nomi, il-pronomi, l-aġġettivi, il-verbi, il-partiċipji passati għandhom id-*duale*. Fil-malti u fid-djaletti għarbin kollha, in-nomi biss għandhom id-*duale*.

(2) W. WRIGHT, LL.D. *Arabic Grammar*, Vol. I. p. 271.

(3) Għad-djalett Tripolin, ara P. ALBERTO VACCARI, *L'Arabo Scritto e l'Arabo Parlato in Tripolitania*, p. 76; għad-djalett Alġerin, ara BELKASSEM BEN SEDIRA, *Cours Pratique de Langue Arabe*, p. 226.

(4) JÛSUF XALHÛB, *Grammatica Italo-Araba*, p. 199.

5. Fil-għarbi klassiku, il-pronom relattiv *alladhî* (illi) għandu l-femminil, il-plural u d-*duale*.

Fil-malti u fid-djaletti għarbin kollha ma hemmx ħlief *elli* għall-ġeneri u n-numri kollha (5). Aħna l-Maltin ngħidu *illi*.

Fid-djaletti għarbin ta' Malta, ta' Tripli u ta' l-Alġier minnflok *elli* jew *illi* ġie li jdaħħlu *li*.

6. Fil-għarbi klassiku, il-verb għandu ħames modi:— *Indikativ*, *soġġuntiv*, *jussiv*, *energiku* u *imperativ*:

| *Indik.* | *Soġġ.* | *Juss.* | *Enerġ I.* | *Enerġ. II.* | *Imp.* |
|---|---|---|---|---|---|
| jaktubu | jaktuba | jaktub | jaktubanna | jaktuban | uktub |

Fil-malti u fid-djaletti għarbin kollha, il-verb ma għandux ħlief żewġ modi: Indikattiv u imperativ:

| | *Malti* | *Eġiżżjan* | *Tripolin* | *Alġerin* |
|---|---|---|---|---|
| *Indik.* | jikteb | jiktib | jektib | jekteb |
| *Imp.* | ikteb | iktib | ektib | ekteb |

7. Fil-għarbi klassiku, il-verb tat-tieni u tat-tielet persuna plurali, barra mill-maskil, għandu wkoll il-femminil, dana ma jinsab fl-ebda djalett:

| | *Għarbi klassiku* | *Malti* | *Eġizzjan* | *Tripolin* | *Alġerin* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | katabnâ | ktibna | katabnâ | ktebna | ktebna |
| 2 m. | katabtum | ktibtu | katabtu | ktebtu | ktebtu |
| 2 f. | katabtunna | ......... | ............ | .......... | .......... |
| 3 m. | katabû | kitbu | katabû | ketbu | ketbu |
| 3 f. | katabna | ......... | ........... | ......... | .......... |

8. Fil-għarbi klassiku, il-verb huwa ta' żewġ suriet: *attiv* u *passiv*.

Fil-malti u fid-djaletti għarbin kollha, ma jinsabux il-verbi passivi:

| | *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|---|
| *attiv* | qatala | qatel |
| *passiv* | qutila | kien maqtûl |

ID-DJALETTI GħARBIN TA' MALTA, TA' TRIPLI U TA' L-ALĠIER

F'dawn id-djaletti għarbin, il-verb fl-*aoristo* l-ewwel persuna singular jieħu quddiemu l-ittra *n* bħall-plural ta' l-ewwel persuna. Il-plural jingħaraf mis-singular biż-żjieda tal-vokali *u* f'tarf il-verb :

(5) W. Wright, LL.D., *Arabic Grammar*, Vol. I. p. 271.

| *Għarbi klassiku* | *Malti* | *Tripolin* | *Alġerin* |
|---|---|---|---|
| aktubu | nikteb | nektib | nekteb |
| naktubu | niktbu | nektbu | nektebu |

F'dawn id-djaletti, il-verb fil-għamla negativa jieħu *ma* quddiemu u *x* warajh:

| *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|
| mâ qâma | ma qâmx |
| mâ kataba lî | ma kitiblîx |

Il-partiċella negativa *ma* mhux dejjem tieħu l-*x* warajha:

| *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|
| mâ ra'ajtuhu qattu | ma rajtu qatt |
| mâ kallamani aħadun għajru Mûsa | ma kellimni ħadd għajr Musê |

F'dawn id-djaletti, in-numri kardinali mill-11 sad-19, il-għamla *għaxara* tal-għarbi klassiku hija mqassra f'*âx:*

| *Għarbi klassiku* | *Malti* | *Tripolin* | *Alġerin* |
|---|---|---|---|
| ithnâ għaxara | tnâx | tnâx | tnâx |

Dawn in-numri meta jkollhom xi nom warajhom, il-Għarab ta' Tripli u ta' l-Alġier iżidulhom, *en* warajhom, (6) u aħna l-Maltin din l-*en* ingħiduha *il*:

| | |
|---|---|
| *Għarbi klassiku*: | kħamsata għaxara jawman |
| *Malti :* | ħmistâx-il jûm |
| *Tripolin:* | kħamestâx-en jûm |
| *Alġerin :* | kħamstâx-en jûm |

Il-pronom interrogativ *x? xi?* li jinsab f'dawn it-tliet djaletti mhux ħaġ'oħra ħlief il-pronom interrogativ ta' l-għarbi klassiku *ajju xajin* imqassar (7). Dawn il-kelmiet :—

| *Malti* | *Tripolin* | *Alġerin* |
|---|---|---|
| biex | bâx | bâx |
| ħiex | fâx | fâx |
| għaliex | għalâx | għalâx |
| xinhu | xinhu | xinhu |

(6) Għad-djalett tripolin, ara JÛSUF XALHÛB, *Grammatica Italo-Araba*, p. 225; għad-djalett Alġerin, ara BEL KASSEM BEN SEDIRA, *Cours Pratique de Langue Arabe*, p. 91.

(7) Għad-djalett Tripolin, ara P. ALBERTO VACCARI, *L'Arabo Scritto e l'Arabo parlato in Tripolitania*, p. 27; għad-djalett Alġerin, ara BEL KASSEM BEN SEDIRA, *Dictionaire Français-Arabe de la Langue Parlée en Algerie*, p. L.

m'humiex ħaġ'oħra ħlief il-ġabra tal-għarbi klassiku : *bi ajji xajin, fi ajji xajin, għala ajji xajin, ajju xajin huwa.*

Minnflok il-konġunzjoni *an* tal-għarbi klassiku, aħna l-Maltin ingħidu *illi, lî, biex*, u l-Għarab ta' Tripli, *elli, lî, bâx* (8) :

*Għarbi klassiku:* Ummî qâlat lî an aftaħa l-bâba bi l-miftâħi.

*Malti:* Ommi qatli biex niftaħ il-bieb bil-muftieħ.

Minnflok il-partiċella *in* tal-għarbi klassiku, aħna l-Maltin ingħidu *jekk:*

| *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|
| in taftaħ jadħul | jekk tiftaħ jidħol |
| in tarbaħ tafraħ | jekk tirbaħ tifraħ |
| in tagħġal tandam | jekk tgħaġġel tindem |

Minnflok il-partiċella *la* tal-għarbi klassiku, aħna l-Maltin ingħidu *kieku:*

| | |
|---|---|
| *Għarbi klassiku :* | law raqada lastarâħa |
| *Malti :* | li raqad kieku strieħ |

Aħna l-Maltin, xi drabi, żewġ kelmiet niġbruhom f'waħda:

| *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|
| aj wallâhi | îva (îwa) |
| kullu xajin | kollox |
| ajju xajin jakûnu lana ? | xi jkollna ? |
| min an jakûna laka | milli jkollok |

Aħna l-Maltin bħala partiċella ta' *l'imperativo di proibizione* għandna *lâ* bħal fil-għarbi klassiku; iżda wara l-verb inżidu *x:*

| *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|
| lâ tażni | lâ tiżnix |
| lâ taqtul | lâ toqtolx |
| lâ tasriq | lâ tisraqx |

Aħna l-Maltin, xi daqqiet, wara nom fil-plural inqiegħdu verb fis-singular femminil, xorta waħda bħal fil-għarbi klassiku :

*Għarbi klassiku* : al-kilâbu nabaħat
*Malti :* il-klieb nebħet.

Jidhirli jien li b'dawn l-erba' kelmiet urejt illi l-morfoloġija tal-malti taqbel mal-morfoloġija tad-djaletti għarbin; għalhekk għedt illi l-malti għandu x'jaqsam mal-għarbi mitkellem, u mhux

(8) Dott. Eugenio Griffini, *L' Arabo Parlato della Libia*, p. 47.

mal-għarbi klassiku. Fuq l-istorja ta' Malta ma tkellimt xejn; għaliex ma kienx jaħtieġ. Fuq vokabularju anqas ma tkellimt.

Il-vokabularju għandu x'jaqsam mal-kultura, mar-Reliġjon, u mal-mentalità tal-poplu, mal-qagħda ġeografika tal-pajjiż u ma' bosta ħwejjeġ oħra.

Il-kelmiet: *Spalla*, *pulmun*, *koxxa*, *milsa*, *kustilja*, *stonku*, juruna kemm ma jistâx ikun li torbot fuq il-vokabularju biex tara mnejn hu ġej il-lsien. Li kieku qabel ma tħallattna mat-Taljani aħna l-Maltin ma kellniex *spalla* u *koxxa* kont ngħid, saħħa...Fuq razza anqas ma tkellimt, għaliex bejn razza u lsien hemm differenza kbira.

Il-biċċa l-kbira tal-Maltin li kitbu fuq in-nisel tal-malti, min faħħru kemm felaħ, u min maqdru kemm ried; jiena la faħħartu u anqas maqdartu, iżda tkellimt skond kif titlob ix-xjienza tal-glottoloġija.

Nati tmiem b'dan l-aħħar xebh :

*Għarbi klassiku:* Wa hum ja'kulûna 'akħadha jasûgħu kħu-bżan wa bâraka wa kasara wa 'agħtâhum wa qâla kħudû badhâ huwa ġasadî.

*Malti:* Huma u jieklu ħa Gesù il-ħobż u bierek u kiser u tâhom u qâl: Ħudu: hedân huwa ġismi.

**Ġanni Vella**

# FRÂK

(biex ma jintilefx)

LILL-GĦONNELLA

Għata u ġieh tan-nisa tagħna,
  Nisel l-eqdem żmenijiet,
  Ibqa' dejjem, dejjem magħna,
  Ġewwa r-rħula, ġol-ibliet:

Għaliex sbejħa s-satra tiegħek,
  Jekk ma' wiċċ ta' xebba ddur;
  Ħajr u ħlewwa jimxu miegħek,
  Xierqa dejjem tmur fejn tmur.

**Dun Karm**

# IL-KELMA "TA" FL-ILSIEN MALTI

Fil-kelmtejn li sawwarna fuq "L-Ilsien Malti", ktibna: "Naħtieġu wkoll Grammatka li mhux biss turina kif għandna niktbu, iżda wkoll kif għandna nfissru bil-kliem il-ħsibijiet tagħna. Hawnhekk ukoll hemm bżonn li aħna nqabblu l-malti ma' l-ilsna li minnhom aktarx huwa ġej" (1).

Mhux dejjem ħafif tgħid minn fejn tkun ġejja kelma, bħal ma sejrin naraw, billi mmorru nfittxu mnejn hija ġejja l-kelma TA, li xi wħud jiktbu: TAGħ (2).

TA hija *preposizzjoni* (3), jiġifieri li titqiegħed quddiem kelma oħra, u tfisser, il-biċċa l-kbira, il-jedd ta' xi ħadd fuq xi ħaġa; bħal mita ngħidu: "Id-dar *ta* Pawlu". TA tista' tiġi magħquda ma' l-artikulu: TAL-, u mal-pronomi: TIGħI, TIGħEK etċ. (4)

Din il-kelma TA, sa fejn nafu aħna, ma tinsabx fl-ilsna semîn l-oħra (5). Mita fil-għarbi, fis-sirjâk, fil-lhudi...wieħed irid ifisser il-jedd ta' wieħed fuq ħaġa, ma jgħidx TA, iżda għandhom sura oħra li tinsab ukoll fil-malti.

In-nom, fl-ilsna semîn, għandu żewġ għamliet. Jekk in-nom ikun għalih, jieħu l-artikulu u jiġi mqiegħed fl-*istat assolut;* jekk ikun qiegħed ma' ieħor, jitlef l-artikolu u jiġi mqiegħed *fl-istât kostrutt.* Mita ngħidu: "Is-salib il-kbir", u "Salib it-toroq", *Is-salib*, fl-ewwel qawl, huwa *fl-istat assolût;* fit-tieni huwa *kostrutt.* Fl-ilsna semîn, il-jedd fuq ħaġa, jiġi mfisser bl-*istat kostrutt*, imma fil-malti, nistgħu nfissruh ukoll, billi ngħidu: TA: "Id-dar ta Pawlu".

In-nom fl-*istât kostrutt*, mita huwa ta' sura mara (femminil), iżid (6) fuq il-għamla tiegħu fl-*istât assolut* l-ittra T. Għalhekk il-għarbi jgħid "al-muħabba" = L-imħabba, *stât assolut*, iżda "Muħabbatu (A)llahi" = Imħabba t'Alla, *stât kostrutt.*

Din is-sura sabiex infissru l-jedd, tinsab ukoll fil-malti flimkien ma' dik bit-TA:

(1) Ara "Il-Malti", 1926, faċċ. 42.

(2) A. E. Caruana, *Vocabolario della Lingua Maltese*, Malta 1903, p. 469.

(3) A. E. Caruana, loc. cit., isejħilha: *"segnacaso del genitivo"*.

(4) TIGħI hija TA bil-pronom magħha meħmuż: TA + I. Kif issir TIGħI naraw il-quddiem.

(5) Mita nsemmu l-ilsna semin ma nifhmux nitħaddtu ħlief minn l-ilsna l-kbar; bħall-għarbi, assîr, sirjak, feniċju, lhudi u mhux mid-djaletti.

(6) Ngħidu *iżid* biex niftehmu; il-għaliex in-nom ta' sura mara fil-għarbi għandu T fl-*istât assolut* ukoll, imma ma tinqarax *(Ta marbuta)*, iżda fl-*istat kostrutt* tinqara. Fil-lhudi, it-T li ma tinqarax. tinkiteb H.

| *Stât Assolut* | *Stât Kostrutt* | TA |
|---|---|---|
| Sura | Suret in-nies | Is-sura tan-nies |
| Riħa | Riħet il-għana | Riħa tal-għana |
| Ħames | Ħamest it-tfal | — |

Fis-sura raġel (maskil) l-ittra T ma tiġix miżjuda:

| *Stât Assolut* | *Stât Kostrutt* | TA |
|---|---|---|
| Salib | Salib it-toroq | Is-salib tat-toroq |
| Tarf | Tarf il-mejda | It-tarf tal-mejda |

Fil-malti tal-lum, il-għamla bit-TA qegħda teqred *l-istat kostrutt*, li huwa ħaġa ewlinija ta' l-ilsna semin. Il-lum fis tisma': *Il-Ktieb ta Pawlu, il-ktieb tigħi*...iżda ma tismâx fis: Ktieb Pawlu, Ktibi...Mita aħna ninqdew bil-partiċella TA inkunu qegħdin inżidu għamla ġdida fil-malti, li kif għedna ma tinsabx fl-ilsna semin l-oħra. F'din il-għamla:

1. In-nom fl-*istât kostrutt* igħaddi għall-*istât assolut* u jieħu l-artikulu: Ktieb Pawlu = *il-ktieb ta Pawlu.*
2. Tinħoloq kelma ġdida: TA.

Minn dan kullħadd jista' jara kif f'dil-ħaġa, il-malti jingħażel minn l-ilsna ħutu. Mnejn hija ġejja din il-firda? Jekk aħna nduru ftit fuq l-ilsna neo-latini, l-iktar fuq it-taljan, aħna naraw li l-malti jaqbel f'din il-ħaġa magħhom. Tabilħaqq inħarsu ftit lejn dawn:

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Taljan:* | L'amore | di | Dio |
| *Malti:* | L-imħabba | ta | Alla |
| *Għarbi:* | Maħabbatu | | (A)llahi |

Minn dan wieħed jista' jara li l-malti għandu l-kliem semîn, għax fil-kliem jaqbel mal-għarbi, iżda l-ħsieb tiegħu ifissru bħalma jfissru t-taljan (neo-latin).

Din il-għamla tal-ħsieb neo-latina, fil-malti, kif għedna fuq, ma hix dejjem meħtieġa; il-malti, jista', wkoll ifisser dal-ħsieb bl-*istât kostrutt* bħal l-ilsna ħutu: "Imħabbat Alla" li aħna x'aktar niktbu: "Imħabba t'Alla".

Mela, il-malti, fuq l-ilsna neo-latini, jista' jfisser il-jedd bil-kelma TA. Mnejn hija ġejja din il-kelma? Jekk naslu sabiex ngħidu mnejn hija ġejja l-kelma TA, inkunu nistgħu, bla ebda xkiel, ngħidu kif għandha tinkiteb, jekk TA jew TAGħ (7).

Il-fehma tagħna hija li **TA** ġejja mit-**T** li fl-*istât kostrutt* tiżdied fis-sura mara (femminil), u minn l-A ta' l-artikulu. Il-malti jgħid: "Imħabba t'Alla", iżda billi tlifna l-ħoss semi fil-kitba, qegħdin naqsmu l-kliem ħażin, u taħt

(7) Xi wħud TAGħ jiktbuha TA'. Iżda għandna inkunu nafu li dawk kollha li jiktbu l-ilsna semin bil ħażż latin, taħt ' jifhmu ittra dgħajfa (hamża, alîf etc...) u taħt ' jifhmu Għ. Għalhekk *magħ* għandha tinkiteb MA ' u mhux MA ' u hekk ukoll il-kliem li joħroġ b'Għ,

it-tagħlim ta' l-ilsna neo-latini ngħidu u niktbu "Imħabba t'Alla" flok "Imħabbat Alla!" L'artikulu fl-ilsna semin (għarbi, lhudi) jibda bl-A u mhux bl-I (8); għalhekk għandna ngħidu: "*Kelbat as-sîd*", li fi lsienna saret "Kelba tas-sid" u imħabba it-tagħlim ta' l-ilsna neo-latini: "Il-kelba tas-sid". Għalhekk jidhrilna li l-kelma TA, għandha tinkiteb TA u mhux TAGħ jew TA'.

Iżda l-għaliex aħna niktbu TIGħI, TIGħEK etċ.

Jekk aħna niflu sewwa l-kliem malti, insibu li fil-malti hemm kelma oħra, li għall-għamla tagħha tixbah lill-kelma TA. Din il-kelma hija MAGħ, li tinsab fl-ilsna semin l-oħra, u tfisser dak li tfisser fil-malti.

Kull ħadd jaf li l-liġi tax-xebh *(analoġija)*, hija l-muftieħ ta' ħafna kliem tqal, fl-ilsna kollha. Il-liġi tax-xebh fil-malti tinsab f'ħafna kliem, l-iktar fl-imperfett tal-Verb (9). Għalhekk aħna jidhrilna li TIGħI, TIGħEK etc., huma ġejjin mix-xebh ta' MIGħI, MIGħEK etc...Billi TA ma tinsabx fl-ilsna semin, mita l-malti ħoloq il-kelma TA, lilha mar xebbah ma' MAGħ, u fuqha sawwar il-għamliet kollha li ħerġin minn TA (10).

Aktarx xi ħadd jistaqsini jekk jiena naħsibx li għandna niktbu: "Imħabbat Alla" u mhux "imħabba t'Alla", jew TII u mhux TIGħI.

Il-ħsieb tiegħi ma hux li nati liġijiet għall-kitba ta' l-lsien malti, imma biss li nagħmel milli nista' sabiex infisser xi kliem tqîl. Kif inbagħad għandna niktbuh, jaħseb kull ħadd kif irid! Hija ħaġa ħafifa u li jaraha kull ħadd, li s-semin ma jgħidu qatt TA sabiex ifissru l-jedd, iżda huwa wkoll minnu li l-kelma TA tinsab imdaħħla sewwa fil-malti, li aktarx ħadha b'xebh ta' l-ilsna neo-latini. Malta tinsab f'nofs il-Mediterran u kienet dejjem il-mogħdija minn l-Orjent għal l-Oċċident; huwa xieraq li l-ilsien malti jġib fih ukoll il-għaqda ta' l-ilsna ta' l-Orjent u ta' l-Oċċident, tas-semîn u tal-latini!

**P. Serafin M. Zarb O. P.**

F'dan l-artikulu ġibna l-kliem *ta' tiegħi*, fejn stajna, miktubin hekk biex ma nitbegħdux mit-*Tagħrif* tagħna u nitolbu lis-sur Cremona biex, darb'oħra, iġib, fil-Malti, x'jidhirlu milli qal hawn Patri Zarb. (N. tad-D.)

(8) Xi kliem li fil-għarbi għandu A, fil-malti l'A saret I. Il-għarbi jgħid *bâb*, *qatalna*...Il-Malti jgħid *bib*, *qtilna*....

(9) Sabiex ma ntawlux infissru, darb'oħra, il-liġi tax-xebh fil-verb.

(10) Aħna nafu li xi kittieba oħra maltin, fissru l-kelma TA xort'oħra. Ma semmejnihomx għax ma ridniex niġbdu fit-tul u l-għaliex it-tifsira li tawna tal-kelma TA ma dehritilniex tajba.

# IL-LSIEN MALTI

Fuq dak li kien kiteb Patri Serafin M. Zarb fl-aħħar ħarġa tal-"Malti" ma naħsebx li bniedem bħal Brockelmann (1) li wara li qara l-Vassalli u nbagħad il-ktieb ta' Stumme u wara kollox dawk il-kotba l-oħra (li miktubin ħażin kemm huma ħażin, għal dik li hi ortografija, juru dejjem xinhi l-*morfoloġija* tal-malti *mkellem)* ma satâx jagħżel il-malti mid-djaletti u ilsna semîn l-oħra, l-iktar mil-lhudi u l-puniku, għalkemm fuq il-puniku *mkellem* ħadd ma jaf xejn. Ma nafux jekk Stumme hux tal-qawwa ta' Brockelmann—nafu iva li dan ta' l-aħħar mita ġie biex jifli d-djaletti semîn u jxebahhom, għal dak li hu malti, l-iktar li qagħad fuq il-*Gram: della lingua Maltese* (1827) ta' M. A. Vassalli u fuq il-*Maltesische Studien* (1904) ta' H. Stumme. Stumme, Professur tal-Għarbi fl-Università ta' Lipsja, u li qabel ma ġie hawn Malta kien dar it-Tripolitanja u t-Tuniżija u fela u kiteb fuq il-lsien għarbi mkellem f'dawk l-artijiet, ma jidhirlix li kellu għalfejn idum is-snin biex jara u jxebbah id-djalett malti ma' l-oħrajn tal-għarbi. Mix-xogħol li għamel jidher li fi ftit xhur ħa *minn fomm il-Maltin* iżjed minn oħrajn ta' qablu, fosthom tagħna, Caruana u Preca, li għalkemm Maltin u flew kemm flew ma kellhomx il-ħmira li kellu Stumme. Stumme ma kitibx dawk il-ħrejjef u għanjiet li hu qagħad jisma' bis-sabar ta' *djalettologu* minn fomm in-nies tar-raħal biex jiġbor xi *Folk-lore*, bħalma għamel Patri Magri, imma biex ikollu *dokument* fuq kull kelma *mismugħa*, jifliha fl-*etimoloġija*, fil-ħoss ta' l-aċċent, tal-vokali u jqabbilha ma' oħrajn fi djaletti oħra tal-għarbi, tat-taljan u ta' l-isqalli. It-traskrizzjoni tiegħu hija għalhekk iktarx *fonetika* milli hi *grammatikali*.

Dak li għamel hu għadu ma għamlu ebda barrani ħlief fil-bogħod u qablu Bonelli ta' l-Iskola Orjentali ta' Napli. Ma ngħidx, li Stumme fl-*etimoloġija* ta' xi kliem ma ħax xi granċ. Li kien Malti u jaf il-għarbi daqsu, u xi ftit iżjed minnu, it-taljan u l-isqalli, iktarx ma kienx jieħdu.

Fuq *Gesenius* għandna naħsbu bħalma ħasbu għorrief li jafuh iżjed minna: li għaż-żmien li għax fih (1800) kien l-aqwa ras.

(1) M. C. Brockelmann hu professur fl-Università ta' Köenigsberg li kif qalu *Marcais* u *Cohen* huwa "*auteur d'ouvrages dont tous les sémitisants apprécient la valeur et l'utilité.* Cfr. *Precis de Linguistique Semitique Avant-Propos des Traducteurs* p. II.

Gesenius kien wera li fehem xi ħaġa mill-fenîċ u mill-puniku u kien minn ta' l-ewwel li tâna t-tifsir ta' l-*epigrafija* feniċja jew punika. Jekk Gesenius ma qabelx ma' Arrigo Majo (*Specimen Linguæ Punicæ in Hodier: Melit: Superstit:* Edit. Jesse 1718) ma' Agius Sultana u l-iktar ma' Bellermann (*Specimen Phœniciæ Linguæ Vestig: in Melitæ.* 1809) u jekk fil-*Versuch über die Maltesische sprache* (1810) miera lil dan ta' l-aħħar u qallu li l-malti li kiteb fuqu mhu xejn *fenîċ*, imma jaqbel iva mal-għarbi, naħseb li Gesenius, jekk qatt tgħallet mhux għax ma kienx jaf il-malti bħal ma nafuh aħna, imma għax il-qwiel maltin li kien qara u ġieb Bellermann ma kienux miktubin sewwa. Il-lum għorrief bħal Stumme biex ma jitgħalltux jiġu huma stess jieħdu l-kliem minn fomm in-nies tal-pajjiż u b'sisien ta' tagħlim sħiħ ta' ilsna oħra semîn fi ftit xhur jaslu biex jifhmu l-malti iktar minn Bochart, minn Loscher, Paruta, Münter, P. D'Onofrii, Majo, Agius Sultana, Mons: Bres, Bellerman, Tychsen, Rev: Swinton u saħansitra iktar minn Gesenius u minn l-istess Schlienz li dam is-snin hawn Malta.

Sewwa qal P. Zarb li l-ikbar ħtija li għandu A. E. Caruana hija li ta l-ġenb lill-għarbi u din hija ħtija li biha ix-xogħol ta' Caruana safa' fix-xejn. Illi jsir Dizzjunarju *etimoloġiku* hija xewqa u ħsieb tal-Għaqda tagħna. Alla jatih il-ġenna, Napuljun Tagliaferro minn dejjem kien igħid u rasu dejjem ħabbilha biex jibda xi ħaġa. Kemm ili nistudja l-malti dan kien dejjem l-ewwel ħsieb tiegħi, imma wisq nibża' li jkollu jkun ta' l-aħħar jekk il-Bambin iħallini ħaj biż-żejjed. Dizzjunarju *etimoloġiku* hija kelma ħafifa, imma tiżen daqs kemm jiżen l-istudju ta' l-ilsna semîn tal-lum, fosthom il-għarbi bid-djaletti tiegħu mis-Surija sal-Marokk, barra minn xi djaletti neo-latini, l-iktar ta' l-isqalli.

Issa wara kollox, jekk il-malti għandu l-kliem tiegħu semi jaqbel kollu kemm hu mal-għarbi, ma għandna għalfejn nistagħġbu xejn jekk fil-kliem Malti nsibu xi xebh ma' l-assûr, mas-sirjâk, ma' l-etjopiku ma' l-aramajk u saħansitra mal-lhudi u għalhekk mal-feniċ ukoll.

P. Zarb jixtieq, għax jara l-bżonn, li ssir Grammatka, mhux biss li tgħarrafna niktbu l-kelma bil-malti, bħal dik li ħarġet il-Għaqda tagħna, imma, kif qal hu, oħra li turina "*kif għandna nfissru bil-kliem il-ħsibijiet tagħna*". Dan, li qal hu, naħseb li hu ktieb għat-Tagħrif tal-*kompo-sizzjoni* maltija. Għal dil-ħaġa naħseb li jgħodd dak li qiegħed iġib fil-MALTI il-Prof. Psaila. Ma' din jinħtieġ ukoll li ssir ġabra ta' l-aħjar *proża* u *poeżija* li għandna.

Għall-ħsieb ta' dak li jrid juri fl-artiklu tiegħu, naħseb li iktar tkun ta' fejda li kieku, flimkien mad-dizzjunarju li semma' issir *Grammatka Komparativa* li fiha jitqabblu l-*liħna*, (*Alfabet fonetiku*) *l-aċċent*, il-*vokalizzazzjoni*, *ix-xebh tal-kons: u vokali etc.* il-*morfoloġija u s-sintassi* tal-malti ma' dawk ta' ilsna oħra sew semîn kemm neolatini.

Wara dan kollu li wrejna naħseb li jekk wieħed jiġi biex jifli u jgħarbel il-kliem semi fil-malti l-iktar li jista' jxebbhu mal-għarbi u mhux le mal-feniċ u lanqas mal-puniku.

Dak li qalilna P. Zarb li: "*Jekk aħna naslu sa biex nuru sewwa x'baħar hemm bejn il-għarbi u l-malti inkunu wrejna biż-żejjed li l-malti mhux għarbi u jekk ma huwiex għarbi* MA JISTÂX IKUN ĦLIEF FENIĊJU JEW PUNIKU" naħseb li qajla jista' jseħħ. Il-Ġrajja ta' Malta u l-ifdâl tal-oqbra u ta' xi skrizzjonijiet puniċi ma humiex biż-żejjed biex fuqhom nistgħu niġbdu u nirfdu dan il-ħsieb. Tinħtieġ xhieda iżjed sħiħa u qawwija li jaħasra ma tinsabx fl-ifdalijiet tal-feniċ u tal-puniku.

Qabel ma nagħlaq xtaqt intarraf ħaġa oħra: ħaġa, mill-bqija, il-lum qadima ħafna u li kull min jinxeħet biex ixebbah ilsien ma' ieħor iktarx iżommha f'rasu. Ix-xebh u t-taqbil ma għandux isir minn ilsien klassiku jew letterarju għal-lsien imkellem, imma minn *ilsien imkellem* għal *ieħor imkellem*. U għalhekk mita nqabblu l-malti mal-għarbi, l-iktar li għandna ngħarblu d-djaletti tiegħu. Wara, il-ġrajja tal-kelma. Il-kelma *fellus* taqbel iva mal-latin *pullus*, (Cfr. Zarb. L-Ilsien Malti. "Il-Malti" Ġunju 1926, paġ. 44 (14), imma iktar ma' *fellus:* għarbi ta' Tripli u Alġerija (Cfr. Griffini e Belkassem). Hekk ukoll il-kelma maltija *qattûs* hija l-kelma għarbija ta' Tripli *gattûs* (Cfr. Griffini) *Qatt* hija tal-għarbi sew letterarju kemm ukoll volgari. Mil-liema stajna ħadna dawn iż-żewġ kelmiet jekk hux mil-latin *pullus* u *catus* (basso latino) jew mill-għarbi *fellus* u *qattûs*, tidħol biċċa tfittxija oħra: il-ġrajja ta' l-annimal u tal-kelma li biha hu msejjaħ. P. Zarb jagħlaq biex igħidilna li l-malti jista' jkun żewġ ħwejjeġ: Jew fergħa tal-lsien ieħor (naħseb semi bħalu) jew ilsien għalih u sar b'tixbih ta' ilsna li kellhom x'jaqsmu miegħu fuq ilsien jew djalett ewlieni. Hu xinhu, il-malti tal-lum, imnissel minn fejn hu mnissel, magħġun kifinhu magħġun, jiena naħseb illi l-malti l-lum nistgħu ngħodduh ilsien għalih bħal ilsna jew djaletti oħra ta' pajjiżi oħra.

Bħalhom għandu nisel, ġrajja u grammatka tiegħu, bħalhom ixxebbah ma' ilsna ta' nies li kellhom x'jaqsmu miegħu, bħalhom bil-mod inkiteb, għalkemm ma ġiex daqshom il-quddiem, u bħalhom maż-żmien jista' jkollu l-*letteratura* tiegħu.

**A. Cremona.**

# LILL-FARFETT

Fejn sejjer tixxejjer
hekk ċkejken, hekk ħlejju,
f'din l-għodwa ta' Mejju,
Ja sbejjaħ farfett?

Xi jlellex dak ġewnħek
bit-trab ta' mitt warda
li ħieni bdejt tarda
x'ħin sebaħ il-jum!

Ix-xeħta ferħana
ta' min dejjem ħieni
u jisbaħ minn kmieni
bil-qalb qiegħda tfur,

inħobbha, ja mżewwaq;
le rrid illi lilek
xi deni jiġrilek
ja mqareb farfett:

w-hekk qatt, ja ferrieħi,
tiġrilek xi ħsara
jew tehda dil-ħrara
li għandek il-lum,

ejj'għandi w-tektikli
b'dak ġewnħek bellusi,
ħa' nkisser karusi
u nreġġgħek ferħan!

**R. Briffa.**

# MITA ĦOBB....

Konna fl-aħħar tax-xitwa. Ix-xemx safranija kien għoddha nħbiet fil-baħar kaħlani u d-dlam bida nieżel qajla-qajla fuq ir-raba' tagħna. Iżda ma kienx għadu dalam sewwa. Kien dak il-ħin illi r-raħħala jiġbru l-imrieħel biex ikennuhom mill-kesħa ta' fil-għaxija, waqt li ż-żiffa tar-riħ twasslilhom mill-bogħod id-daqq ħelu ta' l-*Ave Maria.*

Kollni ħosbien kont għaddej waħdi minn triq qalb l-egħlieqi. Ma' kull naħa tat-triq kien hemm filliera twila ta' siġar bil-friegħi mneżża' mill-ħdura tal-weraq. Uċuh l-egħlieqi, ħomor daqs id-demm u maħruta friski, kienu miftuħa biex jilqgħu u jħaddmu ż-żara' tal-ħajja.

Is-skiet ta' ma' dwari u l-ħemda tal-lejl li kien riesaq imlewni bi swied il-qalb; f'daqqa lmaħt quddiemi l-knisja bajdanija ta' raħal żgħir u deherli li bdejt nisma' fil-bogħod il-ħoss ta' qampiena ċkejkna. Komplejt nimxi sa ma dħalt fir-raħal, bil-ħsieb li naqsmu u nibqa' għaddej, iżda l-ħoss tal-qampiena smajtu mill-ġdid, ħassejtu joqrob u fl-aħħar rajt Vjatku riesaq lejja. Mimli qima kxift rasi, ilwejt riġlejja u stennejtu jgħaddi.

Għadda l-istandard aħmar iperper mal-fewġa tar-riħ, warajh erbât itfal bil-fanal jixgħel f'idhom, u għadda wkoll il-qassis igerger it-talb waħdu. Iżda dak li laqatni u messli qalbi kien li warajh ma kien hemm ħadd.

Ħarist ma' dwari; ma' ġenbi kien hemm gabillott xuxa bl-imagħsqa ma' ġenbu. Rajtu jmejjel rasu u jkemmex xofftejh. Mistagħġeb, ersaqt lejh bil-mod.

" Ħabib, għaliex m'hemm ħadd ? " u b'subgħajja wrejtu l-Vjatku.

" Għax sejrin iqarbnu waħda minn *dawk* tal-belt...."

" Xi ġralha ?...."

" Xorbot il-velenu...."

Minngħajr ma ridt, f'leħħa ta' berqa, rajt quddiem għajnejja ħajja ta' tbatija, ħajja mimlija dwejjaq u mrar. Rajt bniedma, fil-beraħ, tixxengel 'l hawn u 'l hemm, taqa' u tqum, u tarġa' taqa' biex ma tqumx iżjed. Ġibt quddiem għajnejja l-kefrija tal-bnedmin li ma jħennux għal min Alla jħenn, u li huma dejjem lesti biex ikasbru u jitfgħu taħt is-saqajn 'il min, fit-taħbit tal-ħajja, naqas xi ftit minn dmiru. Qalbi ngħafset għal dik l-imsejkna li ma kontx naf, u waħdi, b'idejja marbuta, b'għajnejja fl-art, imxejt wara l-Vjatku.

Dorna l-kantuniera, għaddejna tlitt ibwieb, waqafna quddiem dar kbira. Ħdejn il-bieb kien hemm miġmugħa x'erba' nisa, imraqqa' u nodfa, jitkellmu u jitbaqbqu bejniethom.

"Mhux sew, idaħħlu 'l Alla hemm ġew."

Il-qampiena siktet, it-tfal daru nofs kagħka ma' dwar il-bieb, u l-qassis daħal. B'qalbi ttektek għaddejt warajh. Kif irfist il-għatba tal-kamra mudlama, riħa qarsa ta' tobba laqtitli mnifsejja, u bid-dlam ma stajt nagħraf xejn. Kollni ħiemed qgħadt għarkobbtejja f'rokna mwarrba. Is-sodda ta' dik l-imsejkna kienet in-naħa l-oħra tal-kamra; ma ġenbha mejda b'salib u żewġ xemgħat jixegħlu. Waħda xwejħa, weħedha, kienet hemm biex tilqa' 'l Vjatku.

Xħin dħalna, il-marida qamet fuq minkbejha u x-xiħa marret warajha żżommilha dahrha. Il-qassis, bl-ostja f'idu, resaq lejha.

"Binti, ġie jżurek Missier l-imsejknin."

Hi fetħet ħalqha, baxxiet għajnejha u b'qima kbira laqgħet l-ostja. Ix-xiħa reġgħet midditha u l-qassis ġabar il-ħwejjeġ imqaddsa, bierek il-marida, u, kollu miġbur fih in-nifsu, ħareġ il-barra. Il-qampiena bdiet iddoqq mill-ġdid u d-daqq tagħha ntilef fil-bogħod.

Is-skiet li waqa' ġol-kamra kien tal-għaġeb; ma kienx jistama' ħlief in-nifs qawwi tal-marida. Jien ersaqt lejha biex intennilha kliem ħelu ta' faraġ u ngħidilha li mid-dinja m'għandna xejn; iżda x-xiħa lemħitni u ċanfritni b'leħen għoli.

"X'int tagħmel hawn? Ma ġejtx, jewwilla, titilfilha ruħha wara li l-ieħor tilfilha ħajjitha?"

Waqaft imbikkem. Xtaqt l-art tiblagħni, bżajt li dik l-imsejkna, li kienet qrib il-mewt, taħseb li kullħadd ried jidħak biha: stennejtha tqum tħares lejja b'għajnejn mimlija qilla u turini l-bieb. B'qalbi mdejqa kont ġa meddejt riġli biex naqbad triqti u nitlaq minn fejn ġejt, xħin leħen ħelu ta' żmien tfuliti laqatli widnejja.

"Guż.... int hawn?"

Stħajjiltni q'ed noħlom. Kif, dik li għal l-ewwel darba ġagħlet lil qalbi tħabbat iżjed bil-qawwi, dik li qajmitni minnagħas tat-tfulija, dik.... kienet waslet sa hawn? Imsejkna Marija!....

Ridt kieku nnaqsilha ftit minn l-uġigħ tal-mewt, u mbikki, irsaqt ħdejha. Wiċċha safrani kien midfun fl-imħadda tarrix; għajnejha — għajjiena bit-taħbita li kienet ħadet biex tagħrafni—kienu magħluqa. Sidirha, bit-tbatija tan-nifs, bida

tiela u nieżel, bħal mewġa f'nofs ta' baħar. Kulltant tregħida qawwija ċċaqlaq lil ġisimha kollu u minn fommha toħroġ tnehida ta' swied il-qalb.

Id-dmugħ bida ħiereġ minn għajnejja u poġġejt maktur f'ħalqi biex ngħatti t-tilfiq tal-biki.

Hi tħarket, fetħet għajnejha, u ħarset ċass lejn wiċċi.

" Marija, x'għamilt ? "

" Ħabbejt u daħku bija ! "

Għajnejha mill-ġdid raġgħu ngħalqu u lwiet xofftejha għal taparsi tbissmet. In-nifs bida jonqsilha u bil-mod il-mod bdiet tintilef u tgħid kliem ħelu u ta' mħabba.

Kif kont ma' ġenbha miġbur fi ħsibijiet ta' dwejjaq, inħoss min imissli minkbi. Ħarist u lmaħt qassis xwejjaħ.

" Ħabib aħjar twarrab, waslet fl-aħħar...."

Fuq truf subgħajja warrabt fil-ġenb. Il-qassis poġġa bil-qiegħda ħdejn rasha.

" Binti, itlob maħfra 'l Alla ta' dak li għamilt. Q'ed tismagħni hux? isa, binti: Alla ħanin, jaf li inti jisogħbik, jaf li inti kull ma għamilt għamiltu minngħajr ma kont taf x'qiegħda tagħmel. Int titolbu jaħfirlek, hux tassew, binti?"

" Għidli.... li inti.... tibqa' miegħi..... għal dejjem....ħadd ma jifridna.... x'ferħ.... kemm ingawdu flimkien....

" Imsejkna, q'ed thewden: ejjew nitolbu għax waslet biex tħallina "

" ....ejja.... imxi mmorru..,. niġru.... fix-xemx.... indawru rasna.... bid-dija tad-dawl tagħha.... Qegħdin.... igħajtuli.... dal-waqt immur !...."

" Sinjur aħfrilha, għax ħabbet ħafna."

" ....imxi miegħi.... tħallinix.... waħdi.... Arahom.... xi jsejħuli...."

Il-qampiena tal-Parroċċa daqqet, u l-ħoss qawwi tagħha xtered mar-raħal, daħal fid-djar, ħareġ u ntemm fix-xejn. Kienet biex tħabbar lil l-insara l-agunija ta' waħda li wisq batiet, il-biża' tal-mewt li tkexkex, il-qtigħ ta' qalb li jkessaħ id-demm u malajr, wara xulxin, il-qniepel ta' knejjes oħra żgħar wiegħbu; u tennew lil dawk ta' qalbhom iebsa li jħennu b'talbhom għal l-imsejkna. Ilsien il-qampiena l-kbira għolla mill-ġdid leħnu u ngħaqad mal-karba taż-żgħar biex iħabbru li waslet il-firda ta' żewġ qawwiet kbar, tar-ruħ u tal-ġisem, li jagħmlu l-bniedem. Flimkien bkew, karbu, xehru fis-skiet tal-lejla mudlama, flimkien inħallu u ntilfu fil-bogħod u wara ftit, mill-widien, mill-għoljiet, mill-blat u mis-siġar,

leħen il-qniepel reġa' lura jolfoq u jibki, igħajjat u jwerżaq fis-skiet tal-lejla mudlama.

Id-daqq tal-qniepel niggiżli qalbi bħal tarf jaqta' ta' sikkina, bħal xafra msinna u mdaħħla fil-laħam il-ħaj. It-tokki waqgħu fuq qalbi bħal ġamra tan-nar li 'xxawwat u taħraq fejn tmiss, bħall-qtar tal-velenu li jħassar u joqtol il-qawwa tad-demm.

Ma stajtx inżomm aktar....... Ridt kieku ndaħħal ġo dak il-ġisem mitluf ta' Marija ħajja ġdida u qawwija, nimlieh b'saħħa kbira li tirbaħ 'il mewt. Xtaqt li t-tnejn ninħallu f'xulxin, insiru ħaġa waħda, biex min dik it-taħlita toħroġ saħħa waħda, ħajja waħda, ġisem wieħed b'żewġt irwieħ: jien u hi magħqudin flimkien; xtaqt naqtgħu l-vini li jżommu l-ħajja u nħawdu demmna flimkien; xtaqt nixteħet fuq dak il-ġisem imriegħed bil-kesħa tal-mewt u nsaħħan qalbha bil-bews ta' xofftejja. Iżda rajt li l-ebda qawwa ta' bniedem, l-ebda setgħa tad-dinja ma kienet tajba biż-żejjed biex tfejjaq dak li l-mewt kienet għoddha rebħet.... rajt li hi kienet f'idejn qawwija li ma tista' tintrebaħ minn ħadd u minn xejn: li hi kienet f'idejn Alla. Ftakart li Hu biss kellu l-ħila jwaqqaf il-ħwejjeġ tad-dinja u tlabtu jatiha l-fejqan.

" Sinjur, int li tista kollox, fejjaqha."

Tlabtu b'dik il-ħeġġa li biha Ġożwê waqqaf il-mixja tax-xemx u biegħed minn fuqu u minn fuq tiegħu it-telfa mad-dalma tal-lejl; tlabtu b'dik il-ħrara li kont insejt minndu ħriġt minn tfuliti u li għaxar snin ilu tlabt biha ħdejn is-sodda tal-mewt ta' ommi. U stennejt il-miraklu. Stennejt li Alla jati widen għat-talba għolja u jismagħha, u jqajjem u jfejjaq 'il Marija, jiżra' l-ħajja fejn l-ewwel ħlief mewt ma kienx hemm! Emmint b'fidi qawwija li Hu kien sejjer itiha n-nifs tal-ħajja.

F'rokna mwarrba stennejt il-miraklu, u deherli f'daqqa waħda, li q'ed nara 'l Marija tqum mis-sodda daħkana u sabiħa, ħamra daqs pepprina mbewsa min-nida f'għodwa ta' bnazzi, b'sema mimli ħmura. Fraħt, għajjat fis-skiet tal-lejla, ridt ingħid lil kullħadd dak li ħassejt ġo fija.

" Il-miraklu sar, il-miraklu sar."

Fraħt, għajjatt, werżaqt fil-ħemda tal-kamra mudlama, qbiżt bħal miġnun bil-ferħ li mlieli qalbi. U mir-rkejjen, mis-saqaf tal-kamra, leħni mill-ġdid reġa' għajjat:

" Il-miraklu sar, il-miraklu sar."

Iżda f'daqqa ndunajt li għajnejja kienu tqarqu bija, li kull ma kont rajt ma kienx ħlief ix-xogħol ta' moħħi,

imqajjem mix-xewqat kbar li kelli jitħabtu ġo qalbi. Il-maħt 'il dawk ta' ma' dwari jħarsu lejja b'għajnejn mistagħġba, b'għajnejn kollha biża' u ħniena, għax ħasbu li bl-uġigħ ta' qalb kont tlift moħħi. Ilmaħthom imdejqa għax-xorti li messitni, rajthom ipetptu xfar għajnejhom bil-ferħ xħin raw li dik tiegħi kienet ħolma u mhux ġenn.

It-tama li kelli, li nara f'Marija tiġġedded il-ħajja, intemmet fix-xejn, bħal ma l-ħolm sabiħ jintemm massebħ tal-għodwa. Il-qtigħ ta' qalb u l-biża' reġgħu rebħuni, fakkruni f'dak li kont se'r nitlef u ġagħluni nibki b'dik it-telqa tat-tfal, li b'xejn ma jistabru.

Il-mewt kienet waslet. Is-skiet ġo l-kamra mudlama kiber, ma kienx jinsama' ħlief in-nifs batut tal-marida, xi tilfiqa moħbija, xi talba minn taħt l-ilsien. In-nifs beda jonqsilha u ħalqha kien jidher jinfetaħ, għajjien, biex jixrob il-ħajja, biex jaqta' l-għatx ta' l-arja li kellu. Wiċċha sar isfar daqs dak ta' ruħ imdawra bid-dawl ta' qamar, daqs xitla mitbiela taħt ix-xemx ta' nofs inhar. Xi erba' xwejħat ta' qalbhom tajba, bla qagħdu jisimgħu dak li kien q'ed jingħad barra, daħlu, waħda wara l-oħra, jitolbu. Żewġ xemgħat oħra nxegħlu ma' dwar is-salib tal-għuda sewda bi Kristu taċ-ċomb imsallab fuqu. Il-qassis, mitluf fix-xogħol imqaddes tiegħu, kien q'ed ihejji l-marida, iqawwilha qalbha għall-mewt. Waħda xiħa bdiet tgħid il-litanija.

"*Sancta Maria, ora pro ea; Sancta Dei Genitrix, ora pro ea......*"

Għal l-ewwel bdejna nitolbu minn taħt il-lsien, iżda bil-mod il-mod intlifna fit-talb tagħna, għollejna leħinna li bida jaqa', fis-skiet tal-kamra, bħal qtar tax-xita fuq saqaf taż-żgieġ. Għall-ħoss li għamilna, Marija qamet mir-raqda tagħha, ħarset lejna b'għajnejn miblula u ssuktat thewden fit-telfa ta' moħħha u bdiet tgħanni għanja ta' swied il-qalb li kienet tgħallmet fi tfulitha:

"Tfajla toħlomx, għaliex il-ħolm tal-ħajja
Bil-wisq iqarraq u malajr jintemm....

u leħinha, mal-mixja ta' l-għanja, kien ħelu u mdejjaq b'dik id-diqa ta' wieħed li wasal fit-tmiem ta' ħajtu u beka' l-imgħoddi; kien sabiħ u jmiss il-qalb bħal l-aħħar qatriet ta' nixxiegħa qalb il-blat sieket u għeri.

....Jurik li kollox għad ikunlek hieni
Bla ma jħabbarlek kemm hu kbir il-hemm."

L-imsejkna, f'telfa ta' biki, rat il-ħolma fiergħa li kienet għexet fiha u li issa sfatilha fix-xejn bħaċ-ċpar quddiem il-qawwa tax-xemx

"*Sancta Virgo Virginum, ora pro ea; Mater Christi....*"

Malli Marija semgħet l-isem ħelu t'Omm Kristu tbissmet tbissima mdejqa u żewġ demgħat xirfu fuq xfar għajnejha, qattru fuq sidirha. Forsi ftakret fit-tbatijiet tagħha....forsi rat lis-Sultana tas-Smewwiet issejħilha biex tilqagħha fi ħdana, biex ittaffilha ftit l-uġigħ ta' qalb u tnissiha kull ma ġrala.

"*Mater divinæ gratiæ, ora pro ea....*"

Wiċċ Marija sar isfar daqs il-lellux u ma' dwar għajnejha sar ikħal daqs is-sema xħin tinżel ix-xemx u jinkesa bid-dlam. In-nifs naqsilha għal kollox u sidirha għalxejn bida jogħla bħal minfaħ biex jaħkem ftit arja u jbiegħed il-ħin waħxi tal-mewt.

Xħin daqqet siegħa lejl u l-qniepel li kienu jibku l-agunija tagħha ngħaqdu ma' l-oħrajn li bkew għal darb'oħra, fil-milja taż-żmien, l-erwieħ ta' dawk li fl-imgħoddi kienu magħna u għaddew, Marija qamet fuq idha l-waħda, talbet maħfra 'l kullħadd, għajtet għajta li nifditli qalbi u ntelqet għal waranijiet, mirbuħa mill-mewt.

"*Regina Martyrum, ora pro ea.....*"

Bħal tarbija bkejt u lfaqt f'dak is-skiet tal-kamra mudlama, bħal iblah qbadt warda ħamranija minn quddiem is-salib, imlejta bews u dmugħ u xħettha fuq qalbha, li tant sofriet.

* * *

Iż-żmien għadda u kullħadd nesa li ftit xhur ilu waħda tfajla mietet għax ħabbet; jiena wkoll, kulltant, mitluf filħolm tal-ħajja, ġie li ħsiebha ħarabli minn moħħi, iżda mita jkolli qalbi sewda, jew mita nara tnejn jinħabbu, niftakar f'dik il-warda ħamranija.....

**Ġużè Bonnici**

# MANNARINU

Kont mitlub, aktar minn darba, bil-kliem u bil-miktub, biex ingħid fehemti dwar il-għilt li nqala' fuq Mannarinu. U jien bqajt sieket, għax deherli li mhux bit-tgħajjir u bl-imħâtri jissaħħaħ jew jinqered l-isem ta' bniedem li, tajjeb jew ħażin, ħadem u bâta għall-ġid ta' Malta, la darba, wara mitt sena ta' sebħ u ta' ġieh li ma bħalu, kien hawn min għoġbu jaqalgħu minn qabru—kif jidher—għal riħ bla xita. Imma, ja ħasra !, hawn fostna dejjem hekk : kull min jiżbogħ wiċċu jaħseb li sâr ħaddied !

Ix-xogħol tad-Dottur Laferla magħmul bil-ħila, bil-għaqal, bil-ħeġġa : u mhux għal kemm iġġarrfu. Jien, minn għalija, jidhirli li Malti ma kellux xi jridha dik il-praspura : imma l-*Istorja* ma tfittexx ħlief is-sewwa, jolqot lil min jolqot—igħid is-sur Laferla. U, la jaħsibha hekk, la dak ix-xogħol sâr u xxandar, jaħtieġ li min jersaq biex jiflih u jgħarblu jkun qawwi bil-pinna u fl-*Istorja* daqs is-sur Laferla, jekk mhux iżjed, għax hawn, kontra d-dinja, aktar tqil biex tħott jew biex tibni !

Hemm bżonn, mela, li, bla sħanât u bla duħħân fi rjus, jitlaqqgħu flimkien id-*Dokument* li sâb id-Dottur Laferla u dak li ħareġ issa fl-aħħar is-sur Micallef-Goggi. U nies, li jafu u jridu jaħdmu, jiżnuhom ma' xulxin, jaraw sa fejn il-wieħed jista' jtiesef 'l ieħor, jitkixxfu jekk jistgħux ikunu t-tnejn minnhom, għax, milli jidher, id-*Dokument* tas-sur Laferla, s'issa għadu ħadd ma merieh, irrid ingħid għadu ħadd ma qâl li s-sur Laferla qalgħu minn żniedu, imma ntqâl biss li ma jidherx mita nkiteb, taħt liema rassa tal-qalb, u taħt liema theddid inkiteb, waqt li l-ieħor—dak tas-sur Micallef-Goggi — qiegħed jingħad li m'hux minnu. Xogħol ta' reqqa kbira; u ma jixraqx imidd għonqu għalih min ma jifilħux fuq dahru. Jien nistqarr, b'qalbi fuq xoff-tejja, li, kieku kelli nerfgħu, kont nitbażża' minnu.

Id-Dottur Laferla, li min jaf kemm qalleb u fittex qabel ma niseġ il-ktieb tiegħu, dawwar dak id-*Dokument* ta' ħerba kbira b'bosta *dokumenti* oħra li jirfduh tajjeb ; u hekk jaħtieġ jagħmel min, b'*dokument* ieħor, irrid imerihulu.

Jien Malti, għaddejt ħajti nħajjar 'ill-Maltin għall-ġrajjiet ta' missirijietna ; u fuq Mannarinu, kif kien iżommu kull-ħadd, ktibt bosta drabi. Nixtieq, mela, li s-sur Laferla joħroġ tellief : imma tellief tas-sew, bi xhidiet li fihom Man-

narinu, mfarfar mit-tajn li twaddab għalih, jarġa' jidher sâfi u miqjûm bħal qabel—bil-kitbiet ta' nies li jafu jagħmluha ta' mħallfin, min-naħa l-waħda u min-naħa l-oħra—mhux bil-frugħât, mhux bit-tgħajjir, mhux bit-tfulijiet....

U, fuq kollox, ma għandniex inħallu l-barranin, huma min huma, jindaħlu bejnietna. Laferla stess imissu ma tgħaxxaqx b'li qabżu għalih żewġ kittieba barranin—Tencajoli u Rossi: għax dan iżjed jista' jħasseb ħażin fih milli jagħmillu ġid. L-aktar, inbagħad, mita l-wieħed u l-ieħor—ingħidu b'wiċċi minn quddiem, għalavolja Rossi hu ħabib tiegħi u ġie jżurni f'dâri—ma għamlu xejn ħlief tennew dak li kien qâl Laferla aħjar minnhom: inqas dqiqa ma żiedu mix-xkejjer ta' għerfhom. U Rossi saħħa, għax jafna tajjeb u jaf ukoll ilsienna: iżda min hu Tencajoli, biex l-ewwel qâl ħafna ħmerijiet fuqna u issa ndaħal fejn ma jesgħux? Min tah il-jedd isir imħallef tagħna? Mhux aħjar kullħadd jarfa' salibu?....

Kieku ma kinetx din il-basla, li qabżu l-barranin biex jaqtgħu huma min għandu raġûn bejn id-Dottur Laferla u dawk li ma jaħsbuhiex bħalu, jien kont nibqa' sieket.

G. M. A.

* * *

ŻJIDIET—I. Dan l-artikolu nkiteb fl-aħħar jum ta' lulju: u, billi minn dak in-nhar sal-lum, dehru, min-naħa l-waħda u l-oħra, kitbiet fuq Mannarinu li m'humiex ta' min jarmihom, nitolbu l-Qarrejja tagħna li ma jinsewhx.—II. Is-sur Tencajoli, għad li għamilha ta' mħallef fuq il-gazzetti bil-malti kollha, u qal x'jidhirlu li tiżen kull waħda minnhom, bil-malti ma jafx kelma; u għalhekk il-ħaqq tiegħu ma nistgħux niħduh ħlief biċ-ċajt. Imma Rossi jaf bil-malti, u nitolbuh igħid lil ħabibu Tencajoli kemm-il kelma taljana fih dan l-artikolu. Jekk, inbagħad, irid jifli l-ħarġiet kollha tal-*Malti*, (244 faċċata) u jfiehem lil Tencajoli kemm kliem taljan isib fil-mija, nkunu nafuhulu wisq iżjed.—III. Il-ħabib Rossi jaf x'iroddu l-Prof. Temi Zammit, Monsinjur Psaila, Ninu Cremona, Ġanni Vassallo u tista' tgħid il-Kittieba l-oħra kollha tal-*Malti;* u jista' jfiehem lil Tencajoli li ma għandhom x'jitgħallmu xejn—inqas it-taljan—minn għandu!

# ID-DNUB MA JORQODX

Wara li miet żewġha, Ketrin ħadet ħsieb ir-raba' għax uliedha kienu għadhom ma laħqux. Ġiet sena biex tiżra' ftit kittien u dehrilha li ż-żerriegħa li kellha ma kinetx ħaġa. Sejħet lil Sdejru, ħuttab tal-biedja, u staqsietu jekk kellux il-ħila jiksbilha qabda kittien ta' għamnewwel. "Dak mhux kittien li għandek f'dik iċ-ċurniena?" saqsa Sdejru. "Iva kittien, iżda ma f'għajnix minnu, xtaqt żerriegħa oħra; ta' xogħlok titħallas," qaltlu. "Fejn mort b'rasek, qabeż Sdejru, hux kittien trid, kittien minn l-aħjar inġiblek, għandi għax immur Burmarrad dil-ġimgħa u naf fejn hemm ftit kittien jitkellem. Newwilli dik iċ-ċurniena u nġibhielek mimlija bil-kittien li naf jien. B'żewġ skudi tfieq"—"Ħudha, qaltlu Ketrin, inħalli f'idejk." Sdejru ħareġ bid-daħka f'fommu għax kien jaħseb bejnu u bejn ruħu. "Għaqal tan-nisa. Ser naqla' żewġ skudi ta' xejn, għax narġa' l-ura biċ-ċurniena tagħha, ħa' nara jekk għandhiex il-ħila tagħraf żerriegħa minn oħra."

Ma għaddewx jumejn u Sdejru ġieb l-ura ċ-ċurniena lil Ketrin. "Hawn xbint, ara kattx rajt żerriegħa bħal din?" — "Ma fihiex xi duda?" saqsiet Ketrin. "Ifliha", qal Sdejru. Ketrin firxet liżar f'nofs il-għorfa u Sdejru qabad iċ-ċurniena mill-qranen u ferragħha f'kemm ili ngħid. Ħaġa tleqq feġġet f'nofs il-għorma taż-żerriegħa u Ketrin refgħet malajr ħatem tad-deheb u qegħditu f'sebagħha. Wiċċha sar minn kull lewn, xoftejha ntebqu u b'għajnejha riedet tiekol lil Sdejru. "X'ġara?" qal il-ħuttab, "x'sibt?" "Sibt il-qoxra ta' wiċċek," qabżet hi. "Sibt li int bla ruħ għax ġibtli l-ura l-kittien li ħadt minn għandi. Ara tgħid lê. Mita mlejt diċ-ċurniena, tlift il-ħatem tat-tieġ u ma stajt insibu imkien. Hawn hu, feġġ fiż-żerriegħa li ferragħtli. Aqla' 'l barra, xbin, qabel ma nagħmel waħda minn tiegħi." Sdejru tfixkel, imma ma riedx itiha b'mitlufa. Qabad irodd is-salib u jgerger: "Din waħda, dal-għodu, tas-sew li ma tistâx tagħmel ġid fid-dinja, ara biex tħallast wara li ħadt strappata sa Burmarrad! u Ġeżu Marija Ġież, aħjar tagħmilha maxxjaten inkella man-nisa." U baxx-baxx telaq il-barra.

Ketrin marret warajh sal-bieb u ntasbet fuq qaddha fuq il-għatba, b'idejha mgħaqqdin ponn fuq ġenbha. "Saħħa xbin, ara qatt tersaq lejn dal-bieb, qaltlu, nagħli għal dawk iż-żewġ skudi li tlift, jaħasra."

Ketrin u la għajtet u la tmasħnet iżda l-biċċa ġriet u dawk tar-raħal, li ma għandhomx ħajta f'ilsienhom, ma kinux iħalluhielu ħelwa għall-melħ; kull fejn kien jersaq kien jisma', jew b'ċajta, jew taħt ilsien, jew mit-tfal fil-bogħod: "Xi qabda kittien niksbu?" Isma' l-lum u isma' għada, Sdejru ddejaq u f'qasir żmien ħalla r-raħal u mar igħammar band'oħra.

D. G. S.

# IL-ĦMAR TAS-SIENJA

Is-sur Fred, avukat żagħżugħ, daħru mal-ħajt tas-sienja ta' *Peppi tan-nar*, kien waqaf iħares lejn il-ħmar imgħammad idur dejjem qajla, iżda bla ħedu ta' xejn. Ebda ħoss, ħlief tal-ftit ilma li jinqaleb fil-qâna mill-keffa tal-barmil tas-sienja u ċċempila tal-ġolġol li kellu mdendel f'għonqu l-ħmar. Din tal-ġolġol lil l-avukat għoġbitu wisq, hekk li dar fuq Peppi u qallu: "Dal-ġolġol f'għonq il-ħmar mhux żejjed, Pepp?" — "Il-lê mhux żejjed, wieġeb Peppi, għax jekk jien inkun midhi b'xi ħaġ'oħra, iċ-ċenċila tal-ġolġol tgħidli jekk il-ħmar baqâx miexi jew waqaf"—"Kemm int raġel tajjeb, qabeż is-sur Fred, nagħmlu li l-ħmar jieqaf biex jistrieħ u fl-istess ħin jissokta jċaqlaq rasu, il-ġolġol ma jibqâx idoqq bħalli kieku l-ħmar baqa' miexi?" — "Dan ma jkun qatt," qal Peppi. "Il-għala?" — "Għax fis-sienja jiena ħmar għandi marbut mhux avukat."—"Saħħa Pepp."—"Saħħa Sinjur, il-lejl it-tajjeb, agħmel rasek fejn issibha."

D. G. S.

# ĦSIEB

> **Uqaft fil-ħsieb u rġajt 'l dal moħħ għajjien**
> **fuq għerfek ħsibt u fuq l-opri ta' jdejk**
> **Ja Alla Kbir u... sibt ruħi f'degħbien!**

Mirduma ż-żerriegħa fi ħdan il-ħamrija,
Tintefaħ u tmut....! — inbagħ'd tinbet taħt l-art!
— X'misterju!.... moħħ bniedem jistagħġeb le jifhem! —
....U tħaddar.... u togħla.... u tfawwar bil-ward!
Tal-ġnien kien ħa ħsiebha; għarrasha.... żabarha....
Laqqamha.... saqqieha.... iżd'ALLA KABBARHA!

R. M. B.

# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI

*(Jaqbad mal-faċċ. 65 fil-Għadd ta' qabel)*

Wara dan id-dwell, insibu msemmi dwell ieħor fil-Folju Malti *Mediterraneo* ta' l-1842, dwell li sar fl-1813 bejn John Williams, *Messman* tal-Ġifen tal-Gwerra Ingliż *Regulus*, u wieħed ieħor jismu Morton. Dawn kellhom xi jgħidu bejniethom, fejn wara li għajru ħafna lil xulxin, spiċċaw biex ftiehmu li għandhom jiddwellaw. Iltaqgħu fil-jum miftiehem 'il barra mill-Belt, fir-raba', mgħejuna minn par-rin wieħed, u qatgħu li għandhom jibqgħu jiddwellaw sal-mewt, inkella sa kemm il-parrin li kellhom magħhom jid-hirlu li huwa biż-żejjed, billi jitfa' l-kappell tiegħu fl-art. Ħadu l-pistoli f'idejhom u, mas-sinjal tal-parrin, bdew jisparaw għal xulxin; iżda, wara li ħlew il-balal li kellhom fil-pistoli, bla ħadd minnhom ma ġie midrub, u balal aktar ma kellhomx, waqfu mid-dwell. Il-parrin tagħhom riedhom li jissuktaw jiddwellaw, għax qallhom li għadhom ma sfewx ġiehhom, u wiegħdhom li jmur il-Belt u jġibilhom il-balal huwa. John Williams u Morton qagħdu għalli qallhom il-parrin, u dan telaq malajr lejn il-Belt, xtara l-balal, u reġa' lura fejn sħabu. Dawn imlew mill-ġdid il-pistoli, marru qagħdu f'posthom, u mas-sinjal tal-parrin, sparaw għal xulxin, fejn Morton baqa' mejjet.

John Williams ġie arrestat u mixli fuq qtil fi dwell. Iżda, wara ħames xhur li dam isir il-proċess tiegħu, in-bagħtet talba lill-Gvernatur, Sir F. Maitland, u dan, wara li tkellem mat-tliet imħallfin tal-Qorti tal-Kriminal, bla ma qagħad jaħseb li l-proċess għadu sejjer u l-anqas qagħad jistenna li jinqata', ġiegħel li Williams jiġi malajr mib-għut 'il barra.

Lill-parrin li ħa sehem f'dan id-dwell, ma għamlulu xejn, l-anqas biss arrestawh; iżda mhux hekk ġara lill-parrin li ħa' sehem fid-dwell li sar fl-1842, għax lil dan il-parrin arrestawh flimkien ma' min iddwella u bħala sieħeb fi dwell. Dan id-dwell kien hekk;

Fl-aħħar lejla tal-Karnival ta'l-1842, (dik is-sena ħabtet fit-8 ta' Frar), xi wħud minn tal-familja ta' John Levick (1) kienu qegħdin iduru weħidhom fil-Pjazza. Xi erba' jew ħames fizzjali Ingliżi, għamlu għalihom, u bdew jitfulhom il-perlini fuq wiċċhom. Għal l-ewwel, dawn, ma ħabblux moħhom għal dak it-tfigħ, iżda meta l-fizzjali jssuktaw jitfgħulhom li, saħansitra, tefgħulhom sa ġo għonqhom ukoll, bdew jitwarrbu minnhom. Fil-ħin xi ħbieb tagħhom marru jsejħu lil missierhom mill-każin. Dan mar ħdejhom u wara li qallhom biex jieħdu ftit tas-sabar, baqa' sejjer bihom lejn id-dar.

Meta Levick u niesu waslu fi Strada Rjali, minkeb ma' Strada Mezzodì, jarġgħu jsibuhom ma' wiċċhom u bdew mill-ġdid jagħtuhom fastidju. Wieħed minnhom (Septimus Adams) wasal sa jdaħħal idu f'ħobb tifla minn ta' Levick biex jitfgħalha l-perlini. Levick imbuttah l-ura u qallu: "il-għala għamilt hekk lil binti?" Adams refa' l-bastun u waħħal daqqa bih fuq ras Levick li tajjarlu l-kappell minn rasu. Levick u martu qabdu l-bastun ta' Adams biex ma jerġâx ixejjer bih, u t-tfal ta' Levick bdew jixhru u jibku; inbagħad, fil-ħin li ntferqu minn xulxin, Levick ta' ismu lil wieħed mill-fizzjali l-oħra li ġew biex iferrquhom u talbu jgħidlu x'jismu sieħbu (għal Adams). Il-fizzjal wieġbu li huwa jismu Bayley, u l-għada jkollu isem sieħbu.

Malli nfirdu minn xulxin, Levick baqa' sejjer ma' niesu lejn daru, u nbagħad reġa' ħareġ waħdu jfittex lill-ħabib tiegħu Toni Mattei, Tenent fir-Riġment tal-Maltin, biex igħarrfu billi ġralu u jitolbu jmur il-Kwartier tal-Furjana, ħalli jsib lil dak il-fizzjal li nsolenta lil bintu u jitolbu sodisfazzjon għalih; iżda, billi 'l Mattei ma sabux, reġa' lura lejn daru.

Septimus Adams (Tenent fir-Riġment *Connought Rangers*) baqa' sejjer lejn il-Kwartier flimkien ma' sħabu. Fit-triq qal lil sħabu li fit-taqbida li kellu ma' Levick, qala' daqqa fuq xofftu, u saqsihom x'jidhirlhom li għandu jagħmel. Sħabu qalulu, li aħjar jitkellem ma' l-Kaptan Jeffries, il-Fizzjal anzjan tar-Riġment tagħhom.

(1) John Levick, Ingliż, kien ilu hawn Malta mal-20 sena flimkien mal-familja kbira li kellu. Għal l-ewwel kien Tenent f'Riġment tal-Fanterija; kien ukoll fid-Dipartiment tas-Segretarju Militari hawn Malta, u bħala Aj-jutant fir-Riġment Malti. Inbgħad ġie magħmul Kaptan fir-Riġment *East Lancashire,* minn fejn irtira bil-pensjoni.

Hekk għamel Adams. Mar sab lil Jeffries, u fehmu kollox fuq il-ġlieda li kellu. Jeffries sejjaħ lill Bayley, talbu biex igħidlu fejn joqgħod Levick, kitiblu biljett u bagħathulu. F'dal-biljett, Jeffries, talbu jgħidlu xħin jistgħu jiltaqgħu għada fil-għodu, għax għandu xi jgħidlu għat-Tenent Adams, fuq li kien sawtu fi Strada Rjali.

Levick wasallu l-biljett dak inhar fil-għaxija, u l-għada fil-għodu sab lit-Tenent Toni Mattei u talbu biex imurlu bit-tweġiba għand Jeffries. Bagħat igħidlu li kien bil-ħsieb li jitħallas minn dak l-insult li għamlulu f'waħda minn uliedu, u ried illi Adams, jitlob maħfra ta' kull ma għamel. Bagħat igħidlu wkoll, li mhux tas-sew li sawwat lil Adams, iżda nbuttah biss bil-herra. Levick ħalla f'idejn Mattei, li kif jagħmel huwa f'din il-biċċa, ikun kollox sewwa.

Mattei mar u ltaqa' ma' Jeffries, u wara li tkellmu flimkien fuq il-ġlieda, mar bit-tweġiba għand Levick, li ma sata' jagħmel xejn biex isewwi l-biċċa, għax il-Kaptan Jeffries baqa' jrid bil-fors li l-biċċa tispiċċa bi dwell. Mattei ukoll ried id-dwell, la darba ma ġietx mitluba l-ebda maħfra talli kien sar. Ftiehmu li d-dwell kellu jsir dak inhar stess, f'nofs inhar, wara r-Rikażli.

John Levick u l-parrin tiegħu, it-Tenent Mattei iltaqgħu mat-Tenent Septimus Adams u l-parrin tiegħu il-Kaptan Jeffries, f'nofs inhar sewwa tad-9 ta' Frar 1842, wara r-Rikażli, in-naħa ta' Wied Għammieq. Magħhom kien hemm ukoll l-Assistent Tabib tar-Riġment *Connought Rangers*, Dr. Crosse, mitlub minn Jeffries biex ikun fejn isir id-dwell għal dak li jista jinqala'.

Billi ftiehmu li Jeffries għandu jagħmel is-sinjal biex jibda d-dwell, dan beda jqis l-art bil-passi, u qies minn tnax sa tlittax-il pass tul. Inbagħad Adams u Levick marru qagħdu fi truf dawn il-passi, quddiem xulxin u kif kienu hekk imhejjija, qabeż Levick u qal: "jekk minn dil-laqgħa tinqala' xi ħaġa kerha, din tkun ħtija li missier ta' ħdax l-ulied jiġi fil-għali". Iżda Jeffries wieġeb u qal: "nittama li ma tiġri l-ebda ħsara". Inbagħad, kif Levick u Adams kienu quddiem xulxin bil-pistoli f'idejhom, Jeffries qallhom: Sinjuri, kunu lesti—wieħed, tnejn, tlieta, għamlu n-nar. Waħda mill-pistoli ħadet in-nar, iżda l-oħra, ta' Adams, ma ħaditx; b'dan kollu Adams, ma ġiex milqut.

Adams baqa' fejn kien u Levick mar fuq il-parrin tiegħu Mattei, u talbu biex igħid lil Jeffries ħalli jaraw isewwux dil-biċċa b'kull għamla ta' ġieh. Mattei mar fuq Jeffries u qallu, li l-biċċa ta' l-insult issewwiet la darba

sparaw għal xulxin; iżda Jeffries ried jissokta u qal, li kemm-il darba ma jissuktawx id-dwell imur igħid li huma żewġt iġwejjef. Għal dan il-kliem, Levick qal lil Mattei biex jarġa' jikkarga l-pistola mill-ġdid u reġa' mar qagħad biswit Adams. U, malli Jeffries għamel is-sinjal, ġibdu għal xulxin. Did-darba iż-żewġ pistoli ħadu n-nar: iżda Levick baqa' meħlus u Adams ġie milqut fi driegħu, ġie malajr imdewwi u nfaxxat mit-Tabib Crosse.

Levick u Mattei baqgħu għal xi ħin fejn sar id-dwell biex jatu l-għajnuna li tkun tinħtieġ, u nbagħad, wara li urew il-għali tagħħom għal li ġara', telqu lejn l-Irnella u minn hemm baqgħu sejrin għall-Belt. Qabel telqu minn fejn sħabhom, Levick dar fuq Adams u qallu: li hu (Levick) ma kellu ebda ħtija milli ġara.

Adams, il-Kaptan Jeffries u t-tabib Crosse, baqgħu sejrin fil-Forti Rikażli, minn fejn bagħtu jfittxu l-Belt lit-tabib Connel, jew lil Paynter, u dawn ġew it-tnejn u dewwew lil Adams. Inbagħad ħaduh fuq dgħajsa, niżżluh il-Kurċifiss, u baqgħu sejrin bih lejn il-Kwartier tal-Furjana, fejn ġie mqiegħed fuq sodda biex jistrieħ. Iżda l-għada, fis-sebgħa ta' fil-għaxija, Adams miet, għax il-balla, minn driegħu, baqgħet dieħla 'l ġewwa, u nifditlu fwiedu.

Ix-xniegħa ta' dana d-dwell li sar, xterdet f'leħħa ta' berqa ma' kullimkien, u, wara ftit taż-żmien, Levick u Mattei ġew arrestati. Lil Jeffries ma arrestawhx, għax laħaq ħarab u siefer (jew ħallewh jaħrab) ftit tal-ħin qabel ma ħareġ l-arrest għalih. Lit-tabib Crosse tawh il-Proklama ta' l-Impunità, biex jixhed sewwa u jgħid il-biċċa kollha tad-dwell kif kienet.

Levick u Mattei għaddew Ġuri fil-15 ta' Marzu 1842, fejn l-ewwel wieħed ġie mixli li qatel lil Septimus Adams, u l-ieħor bħala sieħeb fil-qtil, billi għamilha ta' parrin fid-dwell, u għalhekk intalbet il-mewt minnhom fuq il-paragrafu 21 u 22 tal-Libro V, Cap. IV tad-dritt Muniċipali; Levick iddefendieh Dr. Griffiths, Mattei iddefendieh Dr. Mariani.

Il-Ġuri tagħhom dam sejjer tlitt ijiem, u l-Ġurati (kif igħid Folju ta' dak iż-żmien) billi l-provi li tawhom dehrulhom li mhumiex biżżejjed biex iwaħħluhom, ħarġuhom il-koll, m'humiex ħatja.

Il-verdett tal-Ġurati ġie milqugħ b'agħjât ta' ferħ u ċapċip kbir, mhux biss min-nies li kien hemm fis-sala tal-Ġuri, iżda wkoll minn dawk li kienu fit-taraġ tal-Qorti u fit-toroq ta' ma' dwarha, li kienu maħnuqa b'kotra kbira ta' nies jistennew it-tmiem ta' dal-Ġuri.

Kull ma ġibna fuq dan id-dwell ħadnieh mill-Ġuri li sar u milli Mattei u Levick kitbu wara. Mattei kiteb ukoll, li wara xi żmien siefer bil-*leave*, u kif kien Ruma ltaqa' ma' Kaptan Jeffries, fejn dan, wara li għaraf kif kien baqa' l-Ġuri, wera l-għali tiegħu lil Mattei fuq li huwa (Jeffries) kien il-ħtija tal-mewt ta' Septimus Adams, għax li sama' minn Mattei kieku Adams ma ġralu xejn.

Iżda, għalkemm Mattei u Levick ma weħlu xejn, dil-biċċa tal-Ġuri tagħhom għamlet ħoss hekk kbir li tefgħet biża' kbir f'Artna, billi kullħadd intebah li l-Ħaqq irid jagħmel tiegħu ma' min jikser il-Liġi ta' fuq id-dwell; u għalhekk, mill-1842 'il hawn, ħadd aktar ma ttarraf jiddwella.

**Ġużè Gatt**

# NOFS-IL-LEJL SAJFI

(minn fuq bejt fir-raħal)

Ħiemed il-qamar jiddi
fuq id-djar ħiemda: taħt id-dija bajda
jaqta' l-iswed tat-twieqi
miftuħa beraħ, jew imbexxqa. Tisma'
fil-bogħ'd fil-bogħ'd jinbaħ xi kelb għassiesi,
u fi ġnejna biswitek
tisma' jħaxwex u jiġri
xi ġurdien illi tgħallem minn ġrajjietu
li d-dlam ħabibu. Bla ma tagħraf sewwa
jekk minn hawn jew minn hinn, tasal imqassma
it-twerżiqa ta' grillu
illi twennes u traqqad: fuq ir-raħal
tmewweġ u tidwi, kwarta wara kwarta,
ta' l-arloġġ it-twissija. Ikħal bajdani
donnu liżar irqiq jinfirex niedi
l-ajru fuq kollox.

**Dun Karm.**

Ħaż-Żebbuġ, 23—7—26.

# TISWIJA TA' KTIBA

Il-widna—li fi kliem fejn tidħol il-konsonanti *għ* ma tantx tagħraf tati pariri tajba—hi l-ħtija li nsibu 'l hawn u 'l hemm miktubin ħażin kelmiet, ngħidu aħna, bħal *wegħdniekom*, *nqegħdlek*. Kull waħda minn dawn iż-żewġ kelmiet, hekk miktuba, fiha vokali nieqsa; il-ktiba t-tajba tridhom miktubin *wegħedniekom*, *nqegħedlek*.

Ir-Régula li taħdem hawnhekk hi din:

**Vokali mingħajr aċċent, imqiegħda qabel l-aħħar konsonanti tal-għerq, tibqa' f'lokha jekk ma' tarf il-kelma tiġi tmiss** ***konsonanti*** **u mhux** ***vokali***.

*Wegħedniekom* u *nqegħedlek* għandhom b'mamma *wiegħed*, *qiegħed*, li huma verbi ta' tliet konsonanti (w-għ-d u q-għ-d) u żewġ vokali (ie-e), ħaġa waħda bħal *bierek*, *siefer*. It-tliet konsonanti, hekk flimkien, huma l-għerq.

Bis-saħħa tar-régula li semmejna, jekk ma' tarf dawn iż-żewġ mammiet tiġi tmiss konsonanti, il-vokali tat-tieni taqsima ma tintilifx. Ara t-tieni vokali ta' *bierek*, *siefer*, li tibqa' f'lokha fis-suriet *berikt*, *berikna*, *beriktu*, *berikni*, *nberiklu*, *nberiklek; sefirt*, *sefirtu*, *sefirni*, *sefirna*, *nsefirlu*, *nsefirlek*, fejn ma' l-aħħar konsonanti tal-għerq *k* u *r* ġiet tmiss konsonanti (issa *t* u issa *n*). Dawn iż-żewġ verbi joqogħdu bħala mera għall-ktiba ta' *wegħedt*, *wegħedtu*, *wegħedni*, *wegħedna; nqegħedlu*, *nqegħedlek* bit-tieni vokali ta' *wiegħed*, *qiegħed* imħollija f'lokha bis-saħħa tal-konsonanti *n* u *l*, li ġew imissu ma' l-aħħar konsonanti.

Minn *wegħedna*, biż-żjieda tat-taqsima *-kom* għandna *wegħedniekom;* jiġifieri bit-tieni vokali ta' *wiegħed* dejjem f'lokha, la darba f'lokha wkoll għadha l-konsonanti *n* li ġiet tmiss mal-konsonanti *d* ta' *wiegħed*.

Hemm inbagħad tliet réguli oħra li jiswewlna għal dak li hu aċċent. Dawn huma:—

**L-EWWEL. Żewġ konsonanti, mqegħdin fl-aħħar tal-kelma, jitolbu dejjem l-aċċent tal-kelma fuq il-vokali ta' qabilhom.**

**IT-TIENI. Il-vokali** ***ie*** **tiġbed dejjem l-aċċent tal-kelma fuqha. Meta dan iwarrab minn fuqha hi tiqsar u ssir** ***i*** **jew** ***e***.

**IT-TIELET. Wara t-taqsima li fuqha jkun jinħass l-aċċent tal-kelma, il-malti ma jħallix aktar minn taqsima waħda: jiġifieri kull**

**kelma jkollha l-aċċent tagħha jew fuq l-aħħar taqsima, jew fuq dik ta' qabel l-aħħar.**

Bis-saħħa ta' dawn it-tliet réguli, l-aċċent ta' *wiegħed*, *nqiegħed* jaqbeż għat-taqsima l-oħra fis-suriet *wegħèdt*, *wegħèdtu*, *wegħèdni*, *wegħèdna; nqegħèdlu*, *nqegħèdlek*, *nqegħèdkom*, u jissokta jaqbeż għal l-oħra fis-suriet *wegħednieh*, *wegħedniek*, *wegħednieha*, *wegħedniekom*, *wegħdniehom*.

Bis-saħħa tar-réguli li tajna, niktbu wkoll: *bagħàtlu*, *bagħàtkom*, *bagħàthom*, *bagħàthomlu* u mhux, kif tgħallatna l-widna, *bàgħtlu*, *bàgħtkom*, *bàgħthom*, *bagħthòmlu*, li għandhom b'mamma *bàgħat* u b'għerq *b-għ-t*.

Bħala régula oħra aktar fil-qabda nistgħu ngħidu dan:—

**Jekk minn tliet konsonanti flimkien, l-ewwel tnejn—waħda xorta oħra minn l-oħra, u mhux waħda mtennija, — ikunu ta' għerq il-kelma, lil dawn it-tnejn ifridhom b'vokali, bħalma ssibhom mifrudin fil-mamma**, għax:

**L-aħħar konsonanti tal-għerq ma tersaqx mal-konsonanti ta' qbilha ekk warajha, magħha sewwa, issib jew tħoss ittra konsonanti.**

Ara l-ittra *f* ta' *ħátaf*, li fil-kelmiet *ħatàflu*, *ħatàfni ħatàfna*, *ħatàfkom*, *ħatàfha*, *ħatàfhom* insibuha msieħba ma konsonanti barranija u mifruda minn seħbitha ta' qbilha

**G. V.**

# IL-KELMA "GħAMUDA"

Fil-ħarġa tal-Malti ta' Marzu 1926, il-qarrejja jiltaqgħu ma' kelma li, naħseb, ftit jafu xi tfisser. Minn għalija, ma kontx naqbad tifsiritha, kieku min qaleb bil-malti l-ittra ta' C. Dessoulavy ma żiedx warajha l-kelma tinda (faċċ. 19).

Mela *għamuda* tfisser *tinda*. U dit-tifsira wkoll jidhirli li jatiha G. Micallef (faċċ. 17).

Iżda ma nafx b'liema jedd jâtu dawn il-kittieba dit-tifsira lill-kelma *għamuda*.

Fl-ilsna kollha xamin *għamuda* tfisser *waqqafa*, *kolonna*, mill-għerq *għ-m-d* li jfisser *waqaf*. Hekk fil-lhudi, feniċju, aramajk, sorjan, etjopiku, għarbi, dejjem tfisser *kolonna*. U din hi t-tifsira ewlenija li għandu jkollha l-kelma maltija. Jista' nbagħad wieħed, b'tiġbida żgħira, jâti lill-kelma *għamuda* t-tifsira tal-*għarix*, jew tat-*tinda* mibnija fuq il-*waqqafiet*. Imma din tifsira mġebbda, mhix ewlenija.

**Sajdun.**

* * *

Għal dak li hu tifsir ewlieni tal-kelma *Għamuda* jista' ikun li Sajdun għandu daqxejn ta' raġun. Imma minngħajr ma toqgħod iġġebbidha, il-kelma *għamuda* dlonk tista' tfisser *tinda* jew aħjar *għarix* (capanna).

Il-kelma "tent" ingliża ma stajtx intiha t-tifsir ta' *għarix* għax l-anqas *għarix* ma tfisser sew sew dak li bl-ingliż sata' jitfisser aħjar bil-kelma "hut" li hija d-*dwejra* magħmula bħal għarix tan-nies li "waqfu u għammru fuq *għajn* jew *bir* jew *bur* jew *ħal*" *(mħall)* kif qalilna G. Micallef. Fil-għarbi nsib li *għamuda* tfisser fost ħwejjeġ oħra: *bastun ta' tinda* (għarix), *plier*, *kolonna*, kif ukoll il-*kâp ta' xirka* jew *ta' familja*. (Cfr: Hava, Belot e Cherbonneau.)

G. Micallef mita qal "fejn tħawlet il-għamuda xenxlet" iktarx li taha l-aħħar tifsira *(ceppo di una tribù nomade)* jew aħjar ta' *mħall* jew *dar* li tħawlet u xenxlet, jekk inbagħad ma riedx iwassalha għal l-istess għerq ta' *a-ħ-l*. Jiena biex infisser dak li ried igħid C. Dessoulavy għidt *għamuda* bit-tifsir li jatiha Magri fil-qawl malti "Ja Xbât ħabbât, ma mejjiltx il-għamuda u ma qtiltx il-għaġuża" (Cfr: "*X'igħid il-Malti* etċ. paġ. 163, Malta 1925).

Hawn *għamuda* qiegħda flok *għarix* (dwejra) bħalma *qala'* qiegħda flok bastiment tal-qlugħ. Qabbel ukoll B. Roudanovski "*Quelques particularités du Dialecte de Malte*" fejn ifisser dan il-qawl u jgħid li t-tifsira safja ta' *għamuda* hija ta' dik il-għuda jew waqqafa li żżomm it-tinda talbidwin (nomadi). Wara *nġibdet* u fissret ukoll "kolonna".

**A. C.**

# BIBLIJOGRAFIJA

*Ctieb il Kŭiel ta Salamûn*, Mfissrin bil Malti għat-Tfâl tax-xogħol minn ħabibhom Alf. M. Galea. Stamperija tas-Salesiani. Malta. 1926.

Fraħna meta qrajna mħabbar dan il-ktieb u aktar fraħna meta ġie f'idejna u qrajnieh kollu minn tarf sa tarf. Bħala kittieb malti, is-Sur Fons magħruf biż-żejjed, u għalhekk fieragħ kull kliem ta' tifħir. Biss ingħidu li l-ktieb jilqgħuh u jgħożżuh mhux biss it-tfal tax-xogħol, li fihom l-ewwel ma ħaseb l-awtur, imma kull Malti, li għal qalbu tagħlim is-sewwa u lsien art twelidu.

Għal min ma jafx, il-ktieb tal-Qwiel jew Proverbji ta' Salamun hu wieħed mill-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa, għalhekk kullma fih, kelma t'Alla. Kien miktub bil-lhudi, biċċa mis-sultan Salamun u biċċa minn għorrief oħra ta' żmienu jew ta' wrajh. Imma t-tifsir jew traduzzjoni maltija tas-Sur Fons magħmul, mhux minn fuq il-lhudi, iżda minn fuq it-traduzzjoni taljana ta' Dun G. Mezzacasa, Salesjan (faċċ. 5)

Bħala ktieb bil-malti, ix-xogħol tas-Sur Fons jiswa mitqlu deheb. Int u taqrah, tistħajlek, mhux taqra ktieb, imma tisma' jitkellem xi wieħed raħli, li lsienu għadu mhux imħassar b'tagħlim barrani. Ma jafx l-awtur jittallab minn għand il-barranin, m'għandux għalfejn jitħâbat biex jâti sura maltija lill-qawl lhudi: il-kelma dejjem fi lsienu, u b'ħeffa u sengħa kbira jaf iħaddimha. Kliem minsi, tarġa' tiftakru; kliem għoddu mejjet, tiltaqa' miegħu kollu mxettel, mirqum u mimli bis-saħħa. U miktub b'malti mhux biss safi imma wkoll ħafif, ħlejju u għali, kif jixraq lit-tagħlim għali tal-ktieb. U biex aktar ikun il-ktieb ta' fejda għal min jaqrah, ried is-Sur Fons iżid f'qiegħ kull faċċata dawk il-qwiel maltin li jaqblu mal-qwiel lhudin ta' Salamun.

Bħala traduzzjoni, nistgħu ngħidu li s-Sur Fons fehem u fisser tajjeb il-ħsieb ta' l-awtur lhudi. Għalkemm il-ktieb tal-Qwiel ta' Salamun hu wieħed minn l-itqal ta' l-Iskrittura Mqaddsa, għall-għerf li fih maħżun, madankollu it-tagħlim tiegħu xejn ma ttiefes bil-qlib tiegħu għall-malti.

Biss 'l hawn u 'l hemm it-traduzzjoni hi ftit u xejn merħija u mitluqa għal riħha, ma timxix, kif imiss wara l-kelma lhudija, iżda tqalleb, tbiddel u żżid il-kliem sa tasal

xi drabi biex tâti bixla oħra lill-qawl lhudi. Ma nafux dan mnejn hu ġej, hux mit-traduzzjoni taljana ta' Mezzacasa, jew mill-kittieb il-malti, li għamel ħiltu kollha biex ifiehem 'il kullħadd, u fuq kollox it-tfal tax-xogħol, il-għerf tas-Sema magħluq f'dan il-ktieb. Tassew li meta wieħed jaqleb minn ilsien għal ieħor, ikollu xi drabi, minkejja fih, idawwar il-kelma jew iżid xi kelma żgħira biex jiftiehem aħjar, imma meta wieħed jista' jfisser kelma b'kelma u jiftiehem tajjeb qatt m'għandu jbiddel jew iżid l-anqas kelma. Araw:

**I, 16. għaliex riġlejhom imexxuhom għal ħażen, u jinxtered id-demm kabel xejn ma jobsru.**

**17. Ankas it-tajr b'rixhom ma jaħsbu fix-xbiechi; jonsbulhom taħt għajnejhom u ankas ikisuhom.**

ma kinux ikunu maqlubin aħjar hekk:

**16. għax riġlejhom jiġru għall-ħażen,**
**u jgħaġġlu biex ixerrdu d-demm.**
**17. Għax għal xejn tonsob ix-xibka**
**taħt għajnejn it-tajr bil-ġwienaħ?**

jew:

**I, 28. bħalhom, mbagħd, daūn jitolbuni nidħol għaliehom; u jien ankas ūiċċ ma ntie<sup>h</sup>om ; u jibkgħu mbagħd sa jiġru urajja, u jien nisbokhom:**

mhux isbaħ hekk:

**Inbagħad isejħuli u le ma nwieġeb,**
**ifittxuni u le ma jsibuni?**

il-qawl XXIX, 10, jew it-tieni biċċa tiegħu turina l-maqlub tal-qawl lhudi:

**In-nies kattielä ma jaħmlu ir-raġel tar-ruħ; u minn drabi mkâr it-tajjbin jilħku miegħu jieħduha!**

għandu jkun imfisser hekk:

**Nies id-dmija jixnu t-tajjeb,**
**imma t-tajbin jieħdu ħsieb ħajtu.**

Imma kollox fuq kollox, barra minn dawn u niket oħra, nistgħu ngħidu li l-ktieb jatina ħjiel tajjeb tal-għerf maħżun fil-qwiel ta' Salamun, u ma nistgħux ma nifirħux bil-qalb lis-Sur Fons, u nixtieqū li l-ktieb jiġri f'idejn kullħadd, u jnissel u jwettaq f'kull min jaqrah tagħrif is-sewwa.

* * *

Fl-aħħar tal-ktieb (faċċ. 90) is-Sur Fons wera xewqa li jara maqlubin bil-malti l-kotba kollha ta' l-Iskrittura mqaddsa. Ilha li ġietni din ix-xewqa, imma tagħlim u xegħîl ieħor dejjem żammni li ma naqtâx xewqti. Aktar kbist meta bdejt nara ta' kulljum li għorrief insara mid-dinja kollha qegħdin

jagħmlu kemm jifilħu biex ifissru, aħjar minn ta' qbilhom, il-Kotba Mqaddsa. Għalhekk sa fl-aħħar għalibt it-twegħir kollu u meddejt għonqi għal dan ix-xogħol. Nistqarr li ix-xogħol tqil u twil; imma kull mibdi, mitmum, u jekk ma jintemmx minni, jintemm għal l-inqas minn ta' wrajja. Minn hawn u ftit ieħor intemm il-ħames kotba ta' Mosê, li huma l-ewwel ħames kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa, u li flimkien fihom bejn wieħed u ieħor it-tmin waħda ta' l-Iskrittura Mqaddsa. It-tifsir ikun magħmul minn fuq il-lsien li kienu miktubin bih il-Kotba Mqaddsa, jiġifieri minn fuq il-lhudi u minn fuq il-grieg. Jekk ma jinqala' l-ebda għaqqux, nittama li ma ndumx ma nâti xi aħbar oħra fil-*Malti*.

**Sajdun.**

* * *

Sir William Willcocks. "Syria, Egypt, North Africa and Malta speak Punic, not Arabic". (Extrait du Bulletin de l'Institut d'Egypte, T. VIII.—Session 1925-26) *Le Caire. Imprimerie de l'Institut Français d'Archeologie Orientale.* 1926. pp. 17.

Il-Kittieb ilu l-Eġittu mis-sena 1883, mill-bidu li l-Ingliżi kienu ħadu f'idejhom dan il-pajjiż.

Fdan id-daqxejn ta' ktieb, kif ukoll fl-erba' Vanġelji maqlubin bil-għarbi-masri, juri li kemm ilu l-Eġittu, issa fuq l-erbgħin sena, bil-għajnuna ta' nies għorrief tal-pajjiż, il-masri jafu u flieh tajjeb. Ma nafux u għadu ma weriex jekk inbagħad jafx u feliex daqshekk ieħor l-ilsna ta' ġebbieda waħda ma' tal-masri tal-lum.

Beda biex ifisser illi l-puniku, li hu l-feniċ jew ilsien kanagħnîn, huwa s-sies ta' l-ilsna kollha mkellmin minn Ħaleb (*Aleppo)* sal-Marokk, b'Malta magħhom. Il-Feniċi, li fil-qedem pajjiżhom kien minn Antakja *(Antiochia* fis-Surija) sa Gaza—tarf il-Palestina qrib l-Eġittu—kienu daħlu ukoll fl-Eġittu taħt l-isem ta' "*Hyksos*" (Ħittîm) jew taħt l-isem, magħruf fil-kitba tagħhom, ta' Menti u damu hemmhekk mal-500 sena. Minn l-isem ta' *Menti* jaħseb li ħareġ l-isem ta' *Melita* jew *Malta*, b'tibdil tal-kons: liquida *n* f'*l*.

Dan fi żmien Abrâm u Ġużeppi tal-Kitba Mqaddsa. Wara, il-Feniċi rebħu 'l-Barbarija u l-kolonji tagħha b'Kartaġni u Malta sal bugħâż ta' Ġibiltâ, u kull fejn ħakmu qerdu l-ilsna tal-ġewwenin, ibda mill-Kuptija tal-Masrin. Dan kien xi 1300 qabel Kristu u minn hemm, fuq ix-xhieda tat-

tibsir tal-profeta Isaiah (19: 18) u l-fehma ta' nies għorrief, il-kittieb ifiehem illi s-sies tal-lsien imkellem tal-lum hu wieħed, sew fis-Surija, sew fl-artijiet ta' l-Affrika, max-xtut tal-Mediterrân, kemm ukoll f'Malta. Mita tneħħi dik il-ħaġa ċkejkna li hi fid-djalett ta' kull wieħed minnhom, ilsien jibqa' wieħed, sew fil-bini tat-taħdit, kemm fis-sura tal-qwiel.

Ħażin għalhekk, igħid hu, li l-ilsna ta' dawn il-pajjiżi jsejħulhom djaletti għarbin għaliex, kif jaħseb il-kittieb, ma hemmx fihom ħlief dak il-kliem barrani li żergħu l-Għarab minn xi 600 sena wara Kristu 'l hawn. Għandhom, igħid hu, isejħulhom puniċi għax mill-fenîċ, bħalma persjan jissejjaħ l-ilsien tal-Persja, għalkemm imdakkar mill-għarbi, u bħalma l-ilsien ta' l-Indja lejn it-tramuntana jissejjah *Industân* u mhux Persjan, għalkemm mgħobbi bil-persjan. Il-Għarab mita daħlu, kif jaħseb hu, ma għamlu xejn ħlief waqqfu l-ilsien tagħhom fil-kitba u fl-iskejjel.

Fl-Eġittu, il-qassisin insara leqgħu ruħhom bil-kopti *letterarju*, fejn il-Misilmin mexxew u xerrdu l-għarbi miktub, imma l-poplu baqa' jitħaddet ilsienu li kien ġej minn żmien Abrâm. B'hekk l-ilsien fenîċ jew puniku qiegħed f'dawn il-pajjiżi fl-istess ilma tat-taljan, tal-franċiż u ta' l-ispanjol mita 600 sena ilu dawn kienu ilsna mkellmîn u lê miktubîn bħalma kien dak iż-żmien il-latîn. U dan, il-kittieb jissokta jurih iktarx bil-ġrajjiet (tajbin jew ħżiena ma nistgħux ingħiduh sewwa) li għaddew minn fuq dawn il-pajjiżi, għalih tal-lsien fenîċ u xi ftit bi tqabbîl ta' djaletti oħra u b'xhieda ta' xi ftit kliem jew qwiel li ma jinsabux fil-għarbi miktub.

Fost dawn isemmi l-malti li għalkemm miżgħud bit-taljan baqa' fenîċ jew puniku.

Tassew inbagħad li l-għarbi biex iwarrbu wkoll min-nofs igħid fuqu ħafna ħwejjeġ oħra.

Fost kollox igħid :—

(1) illi Kristu kien jitkellem il-kanagħnin jew puniku u kliemu jista' jinqalbu bi lsien masri iżjed b'ħeffa milli bi djaletti semitiċi oħra u jdoqqu u jitqabblu aħjar mita natuhom il-leħen tal-masri.

(2) illi fil-malti, li hu ta' nisel fenîċ, hemm żewġ kelmiet li ma jinsabux fil-Għarbi (liema ma qalx), li ma jafuhomx fis-Surija u fl-Eġittu, imma biss fuq il-għoljiet tal-Liebnu. Sa fejn nafu fxi rħula ta' l-inħawi tal-Liebnu ma fadalx ħaj il-fenîċ, imma l-aramajk — il-lum ħaġa oħra mill-qadîm u milli kif insibuh miktub. (BROCKELMANN)

Iżjed il-quddiem igħidilna illi xi 1400 qabel Kristu, (kif juru l-iskizzjonijiet ta' Tel-el-Amarna) in-nies ta' l-Istât ta' l-Eġittu u tas-Surija kienu jiktbu lil xulxin bil-babiloniż u biex jiftiehmu aħjar kienu jinqdew bxi kliem kanagħnin. Dan juri li l-kanagħnin kien imkellem fiż-żewġ pajjiżi u jaqbel ħafna ma' dak li stqarr qabel u wara.

Imma jekk il-kanagħnin ilu magħruf fl-Eġittu minn żmien hekk twil, saħansitra minn żmien Abrâm u Ġużeppi, (1900 Q.K.) kif jiġi nbagħad illi Isaiah (mas-600 Q.K.) ħabbar li *għâd* jiġi żmien li l-ilsien kanagħnin ikun imkellem mill-ħamest ibliet ta' l-Eġittu li semma' (Is: 19: 18)?

Fejn igħid inbagħad illi l-grieg tal-Vanġelji, maqlub kelma b'kelma bil-masri tal-lum, huma l-qwiel tal-masri ta' żmien Kristu jew kanagħnin qadim, naħseb li biex tgħidu jrid ikollok fuqiex torbot xi ħaġa aħjar milli s'issa kellhom kemm-il wieħed li fela fuq l-ilsien feniċ u f'dak ta' żmien Kristu. Il-ftit fdâl tal-kitba feniċja ma humiex biż-żejjed biex bihom isseħħ il-fehma tal-kittieb. Il-kliem kanagħnin, li skond ma jifhem il-Kittieb, jinsab fil-masri u li għalih ma jinsabx fil-għarbi, ta' min igħarblu u jarġa' jgħarblu. Hekk ukoll il-kliem ta' Kristu f'San Mark. 1. 14. 15. "*An il-awân wa mulk Allah qorajb, Tûbu wa âminu b'il-ħabar it-tajb*". Hekk ukoll dawk il-partiċelli kollha li fil-masri tqassru u nxorbu maż-żmien (bħal ma tqassar kliem ieħor mil-*letterarju* fid-djaletti ta' ilsna oħra ewropej) u li għalhekk il-kittieb ma għandux isibhom sħaħ u jaqblu bħal fil-għarbi klassiku. Dan kollu issibu fit-taħriġ ta' kull ilsien.

Issa għal dik li hi storja.

Il-lum xi għorrief ta' l-Istorja Semitika sabu li l-Għarab daħlu fis-Surija u lsienhom xerrduh fil-Palestina wisq qabel iż-żmenijiet ta' Mawmettu, wisq qabel il-ħakma rumana ta' qabel Kristu, imma saħansitra minn żmien ulied Ixmäel li fuqhom titħaddet il-Liġi l-Qadima (Cfr: *Les Arabes en Syrie avant l-Islam.* R. Dussaud 1907). Fil-pajjiżi mħarrġin tas-Surija u ta' l-Affrika max-xtut tal-Mediterrân, wara l-feniċ nibtu u daħlu l-*Arîmi* u difnu l-ilsna ġewwenin, fosthom il-feniċ.

Ilsienhom kien l-aramajk: ilsien imkellem min-nies tal-Palestina żmien Kristu. L-aramajk mhu xejn ilsien feniċ jew puniku u għalhekk il-kliem ta' Kristu jekk jaqblu ma' tal-masri ma humiex xhieda li l-masri hu kanagħnin. Il-għorrief għadhom ma jistgħux jafu sewwa s-sura ta' dan l-ilsien fdan iż-żmien. Fil-Liġi l-Ġdida ma sabux ħlief xi sittâx-il kelma. Ma hemmx ħlief il-Vanġelu ta' San Mark

li jâti ħjiel tal-bini ta' qwiel aramajk u min-naħa l-oħra xi ħaġa mill-vokabolarju ta' dan *l*-ilsien.

Il-Għarab kienu tħarrġu, għal dik li hi *letteratura* fuq il-kitba ta' l-Aramajk u dan kien għal l-ewwel fi żmien il-kobor u l-ħakma tal-Persjani, inbagħad tar-Rumani. (Brockelmann) Għandna għalhekk naħsbu illi l-għarbi *letterarju* tbiegħed minn l-imkellem billi kien u għadu msawwar fuq it-taħdit ta' l-aramajk. U jekk kif jaħseb Willcocks il-għarbi miktub jew *letterarju* hu *artifiċjali*, din is-sengħa ta' kitba, li ma taqbelx mad-djalett għarbi mkellem, (bħalma hu il-masri, it-tripolin, it-tunisin u l-marokkin u magħhom il-malti) għandu jfittixha, l-ewwel fdak ilsien miktub ta' żmien Kristu, li għalih hu Kanagħnin, inbagħad, jekk irid jidħol iżjed fil-qalba tal-ħaġa, f'dawk l-ilsna kollha li kellhom x'jaqsmu mad-djaletti għarbin: fosthom fil-lvant il-persjân,is-surjân (mita l-Għarab ħadu mill-għerf tal-Griegi) il-biżantîn, l-istambulîn u fil-punent il-berberu.

Għal dak li hu ilsien malti, jekk hu tas-sew bħalma jaħsbu l-oħrajn, fosthom Brockelmann, Stumme, Nöldeke u Bonelli, il-malti hu djalett għarbi, it-tfettxija li kellu jagħmel Willcocks hi iktar tar-reqqa, u barra minn dawn l-ilsna li semmejna qabel, isib oħrajn li minn 900 sena 'l hawn ħassru mhux ftit mis-sura ewelenija tal-Malti-Semitiku mhux fil-kliem biss, imma wkoll fil-bini tat-taħdit, biex ma nsemmgħu xejn: l-isqalli u t-taljan. Tarġa, *illum* il-pôplu Malti mhu xejn pôplu semitiku bħal ta' l-Asja u l-Affrika, għalkemm għadu jiftiehem bi lsien semitiku u din il-ħaġa, barra mid-drawwiet ta' reliġjon u ta' ħajja u tagħlim ewropej, l-ilsien malti tatu sura ta' djalett Semitiku għalih.

Issa, jekk kif urejna, il-feniċ ġie mixrub għal kollox minn l-aramajk, il-puniku mill-għarbi, (ngħidu għall-puniku tal-Mogħreb, li miet għal kollox xi 400 W. K., kif jaħsbu) u l-Aramajk mill-Għarbi, x'għandna naħsbu fuq id-djaletti imkellmin mis-Surija sal-Marokk u l-iktar mid-djalett malti?— Illi, bħalma qal Brockelmann, il-għarbi hu il-werriet ta' l-ilsna semitiċi li mietu u li jekk xi ħadd, bħalma hu Willcocks, il-lum irid juri illi l-Feniċ jew Puniku għadu ħaj, l-iktar fil-Malti, jaħtieġlu, bħalma kien qal Schlienz, iġib prova iżjed sħiħa u bid-dieher.

Mill-ftit kopji li bagħatli l-kittieb ta' dan ix-xogħol, ħallejt waħda il-Bibljoteka għal min jixtieq jaqraha u jifliha.

**A. Cremona.**

(1) Views on the improvements of the Maltese Language. etc. Malta 1838.

# INWISSU

—Fir-raba' faċċata tal-qoxra issibu l-avvis tal-*konkors* li aħna bi ħsiebna niftħu kull sena għaż-żgħażagħ maltin biex dejjem iżjed inħajruhom li jħobbu u li jitgħallmu lsien art twelidhom, għaliex minnhom il-lsien malti jistenna l-fidwa. Għad li ma tantx għandhom fuqiex jaraw, għaliex b'għajb kbir tagħna, ftit u ftit wisq kienu u huma l-Maltin li ħasbu fi lsienhom, iżda dawn il-ftit—li l-lum, niżżuħajr 'l Alla, huma miġburin f'għaqda li hi l-*Għaqda* tagħna — jistgħu juruhom it-triq it-tajba u din it-triq it-tajba qegħdin juruhielhom fil-ktieb Il-Malti li jista' jgħid li hu l-iżjed wieħed li qatt xerred jew qiegħed jitħabat biex ixerred il-*letteratura* maltija. Mela qawwu qalbkom, żgħażagħ, u ħudu sehem f'dawn il-konkorsi għax għada intom tridu tkunu li żżommu ħaj dan-nar ta' mħabba għal l-isbaħ monument li għandha Malta li hu lsienha.

—Kellna nwieġba lil ħabibna Ġużè Gatt fuq dik l-ittra li ġibna d-darba l-oħra. Tassew li hi xewqa tagħna li nżidu jew inkabbru l-*Malti*, iżda ma nistgħux inwegħdu lil ħadd li nibdew noħorġuh kull xahrejn, mhux biss għax ix-xogħol tiegħu hu jiebes iżda għax l-imseħbin għad ma humiex biżżejjed. Jekk żdiedu l-imseħbin aħna żidna mill-faċċati u, bħal ma jara kullħadd, il-ħarġa tal-lum fiha ġmielha. U dik il-biċċa li nżiduh fil-ħlas l-anqas ma togħġobna mhux għax żewġ xelini fis-sena għal min irid igħin fit-tixrid ta' ktieb ta' fejda bħal ma hu tagħna, hi xi ħaġa kbira! Il-ġurnali jikbru kull jum, ir-rumanzi ħerġin bħax-xita u, jaħasra! l-boloh li aħna iktar jogħġobna xi rumanz jew xi gazzetta taċ-ċajt minn ktieb serju bħal tagħna! Il quddiem naraw. Fuq l-istorja tal-*Flus* minnħabba fit-tul tagħha nibżgħu li ma tgħoddx għalina iżda nitolbuh li, la l-lum spiċċajna is-sabieħa storja tad-Dwell, li jaħsbilna fxi ħaġa oħra għall-ħarġa li ġejja u aħna niżżuh ħajr bil-quddiem.

—Wieħed ħabib tagħna saqsiena fejn jista' jsib jaqra l-poeżijiet tad-Direttur tal-Malti barra mill-*ħamsin* poeżija stampati li għandu, għax qal li hu qiegħed ifittex u jiġbor il-poeżijiet bil-malti. Ingħarrfuh li l-poeżijiet tiegħu huma mxerrdin wisq imma jieħu ftit tas-sabar għax dalwaqt jew jibdew jidhru waħda waħda fil-Malti jew jiġu miġbura fi ktieb għalih.

# KONKORS

BEJN IŻ-ŻGĦAŻAGĦ TA' *NOVELLA* BIL-MALTI, ORIĠINALI, MIKTUBA BL-ORTOGRAFIJA TAL-"**GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI**" LI MA' TIEĦUX AKTAR MINN SITT FAĊĊATI TAL-*MALTI* BIEX TIĠI STAMPATA FIL-*MALTI* TA' DIĊEMBRU LI ĠEJ.

L-AĦJAR ŻEWĠ *NOVELLI* JIĠU PPREMJATI B'KOTBA BIL-MALTI.

IL-GĦAŻLA TKUN F'IDEJN TLIETA MILL-KITTIEBA TAL-*MALTI*.

IL-KITBA GĦANDA TKUN IFFIRMATA B'ISEM FALZ U MAGĦLUQA ĠO INVILOPS, WAQT LI L-ISEM VERU JKUN ĠO INVILOPS IEĦOR LI BARRA JKOLLU DAK L-ISEM FALZ.

L-INVILOPS BL'ISEM TA' MIN MA JEĦUX PREMJU JIĠI MAĦRUQ

IL-KITBA LI TINBAGĦAT MA TARĠÂX L-URA U D-DIRETTUR JISTA' JĠIBHA FIL-*MALTI* MITA JRID.

IN-NOVELLA GĦALL-*PREMJU* TRID TASAL GĦAND ID-DIRETTUR JEW GĦAND IS-SEGRETARJU TAL-*GĦAQDA* 19 Sda REALE VALLETTA MHUX WARA L-15 TA' OTTUBRU LI ĠEJ.

Stampât fl-Empire Press